2024/1865

30.6.2024

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2024/1865

tad-29 ta' Ġunju 2024

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1864 tad-29 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006 ([2]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK ([3]).

(3) Fid-29 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864.

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 testendi ulterjorment il-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġiji avvanzati u b'użu doppju u tintroduċi wkoll restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-titjib tal-kapaċitajiet industrijali Belarussi.

(5) Barra minn hekk, sabiex timminimizza r-riskju ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tipprojbixxi t-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja jew għall-iżvilupp tas-settur ta' difiża u sigurtà tagħha, oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-titjib tal-kapaċitajiet industrijali Belarussi, oġġetti u teknoloġija adattati għall-użu fl-avjazzjoni jew l-industrija tal-ispazju, u armi esportati mill-Unjoni.

(6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 timponi aktar restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni lill-Belarussja, b'mod partikolari fir-rigward ta' oġġetti u teknoloġija li jikkonċernaw in-navigazzjoni marittima u oġġetti ta' lussu.

(7) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 timponi ukoll projbizzjoni tal-importazzjoni b'mod dirett jew indirett, tax-xiri jew tat-trasferiment ta' djamanti mill-Belarussja, li tapplika għal djamanti li joriġinaw fil-Belarussja, djamanti esportati mill-Belarussja u djamanti li jgħaddu fi tranżitu mill-Belarussja. Dik il-projbizzjoni tapplika għal djamanti naturali u sintetiċi mhux industrijali, kif ukoll għal ġojjellerija tad-djamanti.

(8) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 twessa' l-projbizzjoni tal-importazzjonijiet ta' oġġetti minerali biex tinkludi ż-żejt mhux maħdum u tintroduċi projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija adattati għall-użu fir-raffinar taż-żejt u l-likwefazzjoni tal-gass naturali.

(9) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiċċara li l-projbizzjonijiet relatati maż-żejt huma mingħajr preġudizzju għalissa għat-tranżitu mill-Belarussja ta' żejt mhux maħdum li jiġi kkonsenjat permezz ta' pipeline mir-Russja lejn l-Istati Membri.

([1]) ĠU L, 2024/1864, 30.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1864/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

(10) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tipprojbixxi l-għoti ta' ċerti servizzi lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew fuq ordni tagħhom billi jipprojbixxu l-forniment ta' servizzi ta' kontabbiltà, servizzi ta' awditjar, inkluż awditu statutorju, servizzi ta' żamma tal-kotba, konsulenza fiskali, servizzi ta' konsulenza kummerċjali u ta' ġestjoni, u ta' relazzjonijiet pubbliċi.

(11) Skont l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), servizzi ta' kontabbiltà, awditjar, żamma tal-kotba u ta' konsulenza fiskali jkopru ż-żamma ta' tranżazzjonijiet kummerċjali għal negozji u oħrajn, servizzi ta' eżaminazzjoni rigward kotba tal-kontijiet u dikjarazzjonijiet finanzjarji, ippjanar u konsulenza tat-tassazzjoni ta' negozju, u preparazzjoni ta' dokumenti tat-taxxa. Is-servizzi ta' konsulenza kummerċjali u ta' ġestjoni u ta' relazzjonijiet pubbliċi jkopru s-servizzi ta' pariri, gwida u assistenza operazzjonali pprovduti lin-negozji għal politiki u strateġiji tan-negozju u l-ippjanar, l-istrutturar u l-kontroll ġenerali ta' organizzazzjoni. Il-miżati tal-ġestjoni, l-awditjar tal-ġestjoni, il-ġestjoni tas-suq, ir-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-produzzjoni u konsulenza dwar il-ġestjoni ta' proġetti, u servizzi ta' konsulenza, ta' gwida u operazzjonali relatati mat-titjib ta' l-immaġini tal-klijenti u r-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku ġenerali u ma' istituzzjonijiet oħra, huma wkoll inklużi.

(12) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tipprojbixxi l-għoti ta' servizzi arkitetturali u ta' inġinerija kif ukoll ta' servizzi ta' konsulenza fl-IT u servizzi ta' konsulenza legali lill-Belarussja. Skont il-Klassifika Ċentrali tal-Prodotti stabbilita mill-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fid-Dokumenti Statistiċi, Serje M, Nru 77, CPC prov., 1991, "servizzi arkitettoniċi u ta' inġinerija" tkopri servizzi arkitettoniċi u ta' inġinerija kif ukoll servizzi ta' inġinerija integrati, servizzi arkitettoniċi ta' ppjanar urban u ta' pajsaġġ u servizzi ta' konsulenza xjentifiċi u tekniċi relatati mal-inġinerija. L-għoti ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti esportati lejn il-Belarussja jibqa' permess, sakemm il-bejgħ, il-provvista jew l-esportazzjoni ta' tali oġġetti ma jkunux ipprojbiti skont dan ir-Regolament fil-mument meta tingħata din l-assistenza teknika. Skont dik il-Klassifika Ċentrali tal-Prodotti, "servizzi ta' konsulenza tal-IT" tkopri wkoll servizzi ta' konsulenza relatati mal-installazzjoni ta' hardware tal-kompjuter, inklużi servizzi ta' assistenza lill-klijenti fl-installazzjoni ta' hardware tal-kompjuter, li tikkonsisti fi tagħmir fiżiku, u networks tal-kompjuter, kif ukoll servizzi ta' implimentazzjoni tas-software, inklużi s-servizzi kollha li jinvolvu servizzi ta' konsulenza fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' software. Skont dik l-istess klassifika, "servizzi ta' konsulenza legali" jkopru l-forniment ta' pariri legali lil klijenti fi kwistjonijiet mhux kontenzjużi, inklużi tranżazzjonijiet kummerċjali, li jinvolvu l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-liġi, parteċipazzjoni ma' klijenti, jew f'isimhom, fi tranżazzjonijiet, negozjati u ftehimiet kummerċjali oħra ma' terzi, u t-tħejjija, l-eżekuzzjoni u l-verifika ta' dokumenti legali. Madankollu, "servizzi ta' konsulenza legali" ma jinkludux ir-rappreżentanza, il-pariri, it-tħejjija ta' dokumenti u l-verifika ta' dokumenti fil-kuntest ta' servizzi ta' rappreżentanza legali, jiġifieri fi kwistjonijiet jew proċedimenti quddiem aġenziji amministrattivi, qrati jew tribunali uffiċjali oħra debitament kostitwiti, jew fi proċedimenti ta' arbitraġġ jew medjazzjoni.

(13) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tipprojbixxi wkoll l-għoti ta' ċerti servizzi lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom billi tipprojbixxi tal-għoti ta' servizzi ta' reklamar, ta' riċerka dwar is-suq u tal-istħarriġ tal-opinjoni pubblika, kif ukoll servizzi ta' ttestjar ta' prodotti u ta' spezzjoni teknika. Skont il-Klassifika Ċentrali tal-Prodotti stabbilita mill-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fid-Dokumenti Statistiċi, Serje M, Nru 77, CPC prov., 1991, "Servizzi ta' riċerka dwar is-suq u tal-istħarriġ tal-opinjoni pubblika" jkopru servizzi ta' riċerka dwar is-suq u servizzi tal-istħarriġ tal-opinjoni pubblika. Skont dik il-Klassifika Ċentrali tal-Prodotti, "servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi" jkopru servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tal-kompożizzjoni u tal-purità, servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi ta' karatteristiċi fiżiċi, servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi ta' sistemi mekkaniċi u elettriċi integrati, servizzi ta' spezzjoni teknika, kif ukoll servizzi oħra ta' ttestjar u analiżi tekniċi. L-għoti ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti esportati lejn il-Belarussja jibqa' permess, sakemm il-bejgħ, il-provvista jew l-esportazzjoni ta' tali oġġetti ma jkunux ipprojbiti skont dan ir-Regolament fil-mument meta tingħata din l-assistenza teknika. Skont dik l-istess klassifika, "servizzi ta' reklamar" jkopru s-servizzi ta' bejgħ jew kiri relatat ma' spazju jew ħin ta' reklamar, servizzi marbuta mal-ippjanar, il-ħolqien u t-tqegħid ta' reklamar, u servizzi oħra ta' reklamar.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani (ĠU L 35, 8.2.2005, p. 23).

(14) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tintroduċi wkoll derogi meħtieġa għall-istabbiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li jneħħi l-kontroll eżerċitat minn persuna elenkata fuq l-assi ta' entità tal-Unjoni mhux elenkata li l-persuna elenkata għandha s-sjieda tagħha jew tikkontrolla, u li jiżgura li ma jkun hemm l-ebda benefiċċju għal din tal-aħħar, u b'hekk dik l-entità tkun tista' tkompli l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha.

(15) Sabiex jiġi żgurat allinjament mal-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-72/11, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 temenda d-dispożizzjoni li tipprojbixxi ċ-ċirkomvenzjoni biex tiċċara li r-rekwiżiti ta' għarfien u intenzjoni jiġu ssodisfati mhux biss meta persuna deliberatament tfittex l-għan jew l-effett li tevita miżuri restrittivi iżda wkoll meta persuna li tipparteċipa f'attività li jkollha l-għan jew l-effett ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri restrittivi tkun konxja li tali parteċipazzjoni jista' jkollha dak l-għan jew dak l-effett, u taċċetta dik il-possibbiltà.

(16) Bil-ħsieb li tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjoni ta' infurzar, huwa xieraq li l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-penali imposti għal ksur tal-miżuri restrittivi.

(17) F'konformità mal-għanijiet tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni li tippreserva l-paċi, issaħħaħ is-sigurtà internazzjonali u tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, u b'mod aktar speċifiku l-objettivi insegwiti mid-Deċiżjoni 2012/642/PESK, huwa xieraq li jiġi żgurat li d-dokumenti miżmuma mill-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") dwar l-infurzar tal-miżuri restrittivi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2006, jew dwar il-prevenzjoni tal-ksur jew iċ-ċirkumvenzjoni ta' dawk il-miżuri, ikunu suġġetti għas-segretezza professjonali u jgawdu mill-protezzjoni mogħtija mir-regoli applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, peress li l-informazzjoni li tinsab f'dawk id-dokumenti tista' tintuża biex tostakola l-infurzar ta' dawk il-miżuri jew biex tikkompromett l-effettività tagħhom, peress li l-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jaġixxu b'tali mod li jipprevjenu l-infurzar tagħhom. Jenħtieġ li dik il-protezzjoni tiġi żgurata wkoll għal proposti konġunti mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni għall-emendar tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 u kwalunkwe dokument preparatorju relatat, peress li d-divulgazzjoni tagħhom tista' taffettwa l-effettività tal-miżuri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2006 u t-tħejjija ta' proposti futuri u n-negozjar abbażi tagħhom. Ċerti miżuri li huma inklużi f'tali proposti, u li ma jistgħux jiġu adottati mill-Kunsill minħabba diversi raġunijiet, ta' spiss jiġu inklużi mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni fi proposti sussegwenti. Huwa importanti li dik is-setgħa ta' inizjattiva tiġi protetta minn kwalunkwe influwenza eżerċitata minn interessi pubbliċi jew privati li jippruvaw, barra mill-konsultazzjonijiet organizzati, iġieħlu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lis-servizzi tal-Unjoni jipproponu, jadottaw, jemendaw jew jaqblu dwar emenda. Id-divulgazzjoni tagħhom tista' tirrendi l-miżuri ġodda possibbli ineffettivi minħabba l-fatt li l-adozzjoni maħsuba tagħhom tkun diġà ġiet żvelata. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi preżunt li d-divulgazzjoni ta' dawk id-dokumenti tippreġudika s-sigurtà tal-Unjoni jew ta' wieħed jew iktar mill-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom.

(18) Barra minn hekk, id-Deċiżjoin (PESK) 2024/1864 tintroduċi projbizzjoni tal-importazzjoni ta' oġġetti li jippermettu lill-Belarussja tiddiversifika s-sorsi ta' dħul tagħha, u b'hekk jiġi ffaċilitat l-involviment tagħha fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Dik il-projbizzjoni tinkludi l-faħam u prodotti oħra.

(19) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tippermetti lill-Istati Membri jippermettu d-dħul fl-Unjoni ta' oġġetti personali li ma joħolqux tħassib sinifikanti dwar ċirkomvenzjoni, bħal oġġetti ta' iġjene personali, jew ilbies li jintlibes minn vjaġġaturi jew li jkun fil-bagalji tagħhom, u li jkunu maħsuba b'mod ċar għall-użu personali strett tagħhom jew tal-membri tal-familja tagħhom. Jipprevedi wkoll eċċezzjonijiet li jippermettu li l-karozzi jidħlu fl-Unjoni f'ċirkostanzi speċifiċi. Is-sitwazzjoni tal-karozzi mill-Belarussja li diġà jinsabu fit-territorju tal-Unjoni tista' tiġi regolarizzata mill-Istati Membri.

(20) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 timponi projbizzjoni tal-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment b'mod dirett jew indirett tad-deheb. Dik il-projbizzjoni tapplika għad-deheb ta' oriġini Belarussa, esportat mill-Belarussja wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(21) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 timponi aktar miżuri restrittivi f'diversi setturi, partikolarment fis-setturi tal-enerġija u tal-avjazzjoni.

(22) Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-miżuri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2006, huwa xieraq li l-eżenzjoni mill-projbizzjoni tat-trasport tal-oġġetti minn impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti fil-Belarussja tiġi estiża għar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari kollha fil-Belarussja. Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 testendi wkoll il-projbizzjoni tat-trasport ta' oġġetti bit-triq fl-Unjoni permezz ta' trejlers u semitrejlers irreġistrati fil-Belarussja, anki meta jingibdu minn trakkijiet irreġistrati barra mill-Belarussja. Sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta'

evitar, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 temenda l-projbizzjoni fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK fuq it-trasport ta' merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu. L-operaturi tal-Unjoni li huma proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika Belarussa b'sehem ta' 25 % jew aktar jenħtieġ li jiġu pprojbiti milli jsiru impriża tat-trasport bit-triq jew milli jittrasportaw merkanzija bit-triq fl-Unjoni, inkluż fi tranżitu. Il-projbizzjoni ma tapplikax għal impriżi tat-trasport bit-triq li huma proprjetà ta' ċittadini b'ċittadinanza doppja jew ċittadini Belarussi li jkollhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru. L-impriżi tat-trasport bit-triq jenħtieġ li jiżvelaw l-istruttura tas-sjieda tagħhom lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fuq talba min-naħa tagħhom.

(23) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tintroduċi kriterju ieħor għall-elenkar ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi suġġetti għall-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni tat-tqegħid ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għad-disponibbiltà ta' persuni u entitajiet dežinjati.

(24) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri li jieħdu skont dan ir-Regolament u dwar kull informazzjoni rilevanti oħra li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom b'rabta ma' dan ir-Regolament.

(25) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvestiment mis-suq Belarussu mill-operaturi tal-Unjoni, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tintroduċi derogi temporanji mill-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti u fuq ċerti servizzi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2006. Sabiex jiġi ffaċilitat ħruġ rapidu mis-suq Belarussu, dawk id-derogi huma temporanji u limitati fil-kamp ta' applikazzjoni. Id-deroga ta' żvestiment minn dawk il-projbizzjonijiet tal-importazzjoni u l-esportazzjoni jenħtieġ li tippermetti l-bejgħ, il-provvista jew it-trasferiment ta' ċerti oġġetti, jew l-importazzjoni tagħhom ġewwa l-Unjoni, sat-2 ta' Jannar 2025 u jenħtieġ li tapplika biss għal dawk l-oġġetti li kienu diġà fiżikament jinsabu fil-Belarussja fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-projbizzjonijiet rilevanti. Id-deroga ta' żvestiment dwar l-għoti ta' ċerti servizzi jenħtieġ li tippermetti sat-2 ta' Jannar 2025 il-kontinwazzjoni tal-għoti ta' servizzi lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jirriżultaw mill-iżvestiment, u għall-benefiċċju esklużiv tagħhom. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jenħtieġ li jiżguraw li oġġetti pprojbiti li jibqgħu fil-Belarussja bħala riżultat tal-iżvestiment ma jkunux ta' benefiċċju għall-utenti finali militari jew ikollhom użu finali militari u li s-servizzi ma jkunux ipprovduti lill-Gvern tal-Belarussja jew għall-benefiċċju ta' utenti finali militari u li ma jkollhomx użu finali militari.

(26) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali dwar it-trattament tal-importazzjonijiet, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tipprovdi regoli dwar ir-rilaxx mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' oġġetti li fiżikament jinsabu fl-Unjoni u li kienu diġà ġew ippreżentati lil tali awtoritajiet doganali meta saru s-suġġett ta' miżuri restrittivi. Il-possibbilta' ta'rilaxx ta' oġġetti japplika irrispettivament mill-proċeduri li għalihom kienu suġġetti l-oġġetti wara l-preżentata lill-awtoritajiet doganali permezz ta', *inter alia*, (tranżitu, proċessar intern, jew rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, jew mill-istadji u l-formalitajiet proċedurali skont il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni li huma neċessarji għal tali rilaxx. Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tawtorizza wkoll lill-Istati Membri biex jirrilaxxaw oġġetti li diġà ddaħħlu fl-Unjoni. Dik l-awtoriżazzjoni hija neċessarja għall-benefiċċju tal-operaturi tal-Unjoni li ġabu dawn l-oġġetti fl-Unjoni b'bona fide fi żmien meta ma kinux għadhom suġġetti għal xi miżuri restrittivi relatati mal-importazzjoni, inkluż meta l-importazzjoni tagħhom kienet għadha permessa matul perjodu ta' likwidazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li r-rilaxx ta' dawk l-oġġetti u kwalunkwe pagament relatat magħhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet u l-għanijiet tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Bl-istess mod, kwalunkwe deċiżjoni kontra r-rilaxx ta' tali oġġetti jenħtieġ li tikkonforma mal-għanijiet ta' dawk il-miżuri u tiżgura, *inter alia*, li dawk l-oġġetti ma jiġux ritornati fil-Belarussja.

(27) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tirrikjedi wkoll li l-esportaturi jipprojbixxu kuntrattwalment ir-riesportazzjoni lejn il-Belarussja jew ir-riesportazzjoni għall-użu fil-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija sensittivi kif elenkati fl-Annessi XVI, XVII, XXVIII u XXX tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, oġġetti komuni ta' prijorità għolja, jew armi tan-nar u munizzjon kif elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) ("klawżola ta' esklużjoni tal-Belarussja").

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-tranżitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).

(28) Il-Kummissjoni ser tivvaluta l-impatt li d-dħul fis-seħħ tal-obbligu li tintuża "klawżola ta' esklużjoni tal-Belarussja" għandu fuq id-deterrenza taċ-ċirkomvenzjoni. Ser tivvaluta wkoll mill-qrib ħafna d-*data* kummerċjali, l-istatistika tal-esportazzjoni u informazzjoni oħra dwar ix-xejriet ta' ċirkomvenzjoni fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, inkluż ir-rwol li s-sussidjarji tal-operaturi tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jista' jkollhom f'tali xejriet. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk il-"klawżola ta' esklużjoni tal-Belarussja" hijiex adatta għall-finijiet tagħha u tikkunsidra kwalunkwe azzjoni xierqa oħra biex trażżan l-aċċess tal-Belarussja għal oġġetti sensittivi li jistgħu jerġgħu jiġu esportati lejn ir-Russja, u b'hekk din tal-aħħar tkun tista' tkompli bil-gwerra fl-Ukrajna, inkluż il-possibbiltà li tirrikjedi lill-operaturi tal-Unjoni jiżguraw li s-sussidjarji tagħhom f'pajjiżi terzi jużaw ukoll il-"klawżola ta' esklużjoni tal-Belarussja".

(29) Sabiex tgħin fil-ġlieda kontra r-riesportazzjoni ta' oġġetti komuni ta' prijorità għolja, kif elenkati fl-Anness XXX tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, misjuba fil-kamp tal-battalja fl-Ukrajna jew kritiċi għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu tas-sistemi militari Russi, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tirrikjedi li l-operaturi tal-Unjoni li qed ibigħu, ifornu, jittrasferixxu jew jesportaw oġġetti komuni ta' prijorità għolja lejn pajjiżi terzi, għajr il-pajjiżi elenkati fl-Anness Vba tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, jimplimentaw mekkaniżmi ta' diliġenza dovuta li kapaċi jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji tal-esportazzjoni lejn il-Belarussja u jtaffu t-tali riskji. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1864 tirrikjedi li l-operaturi tal-Unjoni jiżguraw li l-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi stabbiliti barra mill-Unjoni li huma proprjetarji tagħhom jew li jikkontrollawhom sabiex jimplimentaw dawk ir-rekwiżiti wkoll.

(30) Fejn ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jirrikjedi li l-operaturi tal-Unjoni jiżguraw li persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbiliti barra mill-Unjoni li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom iwettqu ċerti azzjonijiet biex jipprevjenu l-esportazzjoni jew ir-riesportazzjoni ta' oġġetti jew teknoloġija lejn il-Belarussja, jenħtieġ li tali rekwiżiti jiġu segwiti sa fejn ikun permess mil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz fejn il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp inkwistjoni jkunu stabbiliti.

(31) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-miżuri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2006, huwa neċessarju li tiġi emendata l-lista tal-makkinarju stabbilita fl-Anness XIV għal dak ir-Regolament.

(32) Huwa xieraq li tiġi introdotta dispożizzjoni li tippermetti liċ-ċittadini u l-kumpaniji tal-Istati Membri jiksbu kumpens minn individwi u entitajiet Belarussi li kkawżawlhom danni. Dan jinkludi danni kkawżati lill-kumpaniji proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, b'rabta ma' kuntratt jew tranżazzjoni li l-prestazzjoni tagħhom kienet affettwata mill-miżuri imposti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2006, dment li n-nazzjonali jew il-kumpanija tal-Istat Membru kkonċernata ma jkollhiex aċċess effettiv għal rimedji, pereżempju skont it-trattat bilaterali ta' investiment rilevanti. Kumpens jista' jintalab quddiem il-qrati tal-Istati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u tal-Istat Membru rigward il-ġuriżdizzjoni u l-proċeduri tal-qorti f'materji ċivili u kummerċjali, inkluż dawk li jikkonċernaw proċeduri possibbli ta' rimedju interim.

(33) Huwa xieraq li l-operaturi tal-Unjoni jintalbu jagħmlu dak kollu possibbli biex jiżguraw li persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbiliti barra mill-Unjoni li jkunu proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom ma jipparteċipawx f'attivitajiet li jdgħajfu l-miżuri restrittivi previsti f'dan ir-Regolament (KE) Nru 765/2006. Tali attivitajiet huma dawk li jirriżultaw f'effett li dawk il-miżuri restrittivi jfittxu li jipprevjenu, pereżempju, li riċevitur fil-Belarussja jikseb oġġetti, teknoloġija, finanzjament jew servizzi ta' tip li huwa soġġett għal projbizzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(34) Jenħtieġ li l-aħjar sforzi jitqiesu bħala li jinkludu l-azzjonijiet kollha li huma xierqa u meħtieġa biex jinkiseb ir-riżultat tal-prevenzjoni tal-imminar tal-miżuri restrittivi fir-Regolament (KE) Nru 765/2006. Dawk l-azzjonijiet jistgħu jinkludu, pereżempju, l-implimentazzjoni ta' politiki, kontrolli u proċeduri xierqa għall-mitigazzjoni u l-ġestjoni effettiva tar-riskju, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-pajjiż terz ta' stabbiliment, is-settur tan-negozju u t-tip ta' attività tal-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp li huma proprjetà tal-operatur tal-Unjoni jew ikkontrollati minnu. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-aħjar sforzi jinftiehmu bħala li jinkludu biss azzjonijiet li huma fattibbli għall-operatur tal-Unjoni fid-dawl tan-natura tiegħu, id-daqs tiegħu u ċ-ċirkostanzi fattwali rilevanti, b'mod partikolari l-grad ta' kontroll effettiv fuq il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp stabbiliti barra mill-Unjoni. Tali ċirkostanzi jinkludu s-sitwazzjoni fejn l-operatur tal-Unjoni, minħabba raġunijiet li ma kkawżax huwa stess, bħal leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz, ma jkunx jista' jeżerċita kontroll fuq il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp li huma proprjetà tiegħu.

(35) Meta persuna fiżika jew ġuridika tiddivulga volontarjament, kompletament u fi żmien debitu ksur tal-miżuri restrittivi, jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jqisu dik l-awtodivulgazzjoni meta japplikaw il-penali, kif xieraq, f'konformità mal-liġi amministrattiva nazzjonali jew ma' liġi jew regoli nazzjonali rilevanti oħra. Japplikaw il-miżuri meħuda mill-Istati Membri skont id-Direttiva (UE) 2024/1226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u r-rekwiżiti li jinsabu fiha fir-rigward taċ-ċirkostanzi mitiganti.

(36) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (25) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"25. 'impriża tat-trasport bit-triq' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp involuti bi skop kummerċjali fit-trasport tal-merkanzija permezz ta' vetturi bil-mutur jew kombinazzjonijiet ta' vetturi;";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"26. 'awtoritajiet kompetenti' tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif identifikati fuq is-siti web elenkati fl-Anness II;

27. 'settur tal-enerġija' tfisser settur li jkopri l-attivitajiet li ġejjin bl-eċċezzjoni ta' attivitajiet relatati mal-qasam nukleari ċivili:

(i) l-esplorazzjoni, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni fil-Belarussja jew l-estrazzjoni taż-żejt mhux maħdum, il-gass naturali jew il-fjuwils fossili solidi, ir-raffinar tal-fjuwils, il-likwefazzjoni tal-gass naturali jew ir-rigassifikazzjoni;

(ii) il-manifattura jew id-distribuzzjoni fil-Belarussja ta' prodotti ta' fjuwils fossili solidi, prodotti tal-petroleum raffinat jew gass; jew

(iii) il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet jew l-installazzjoni ta' tagħmir għall-ġenerazzjoni tal-enerġija jew il-produzzjoni tal-elettriku, jew l-għoti ta' servizzi, tagħmir jew teknoloġija għalihom, jew attivitajiet relatati magħhom.";

(2) fl-Artikolu 1b(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' assistenza teknika u servizzi ta' senserija relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea (*) ('Lista Militari Komuni'), jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti inklużi f'dik il-lista, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;";

(*) ĠU C 86, 18.03.2011, p. 1";

(3) l-Artikolu 1ba huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1, esportati mill-Unjoni għandu jkun ipprojbit.";

([6]) Id-Direttiva (UE) 2024/1226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' penali għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva (UE) 2018/1673 (ĠU L, 2024/1226, 29.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1226/oj).

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, liċenzjar jew trasferiment b'xi mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetti permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew il-kostituzzjoni ta' sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 1bb

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali tal-Belarussja, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni jew le, kif elenkati fl-Anness XVIII, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

2. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja tal-oġġetti u t-teknoloġija kif elenkati fl-Anness XIX, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.

3. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, liċenzjar jew trasferiment b'xi mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetti permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew il-kostituzzjoni ta' sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-2 ta' Ottubru 2024 tal-kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew tal-kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

5. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2602, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-2 ta' Awwissu 2024 ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

6. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8708 99, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-2 ta' Jannar 2025 ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

7. Il-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għal oġġetti li jkunu neċessarji għall-iskopijiet uffiċjali tal-missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi sħab fil-Belarussja jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali, jew l-oġġetti personali tal-persunal tagħhom.

8. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness XVIII, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma meħtieġa għal:

(a) skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi, jew għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet;

(b) l-użu esklussiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru li jawtorizza u sabiex jissodisfa l-obbligi ta' manteniment tiegħu f'żoni li huma taħt ftehim ta' kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Belarussja; jew

(c) l-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' radjoisotopi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

9. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8417 20, jew l-għoti tal-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew l-għoti tal-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu neċessarji għall-użu domestiku personali ta' persuni fiżiċi.

10. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-titjib tal-kapaċitajiet industrijali Belarussi kif elenkati fl-Anness XIX, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 8.

11. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-għoti relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent finali mhux militari, maħsuba għal emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.'

12. B'deroga mill-paragrafi 1 u 3, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġiji li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3917, 8523 u 8536, kif elenkati fl-Anness XVIII, jew l-għoti tal-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li dawk l-oġġetti jew l-għoti tal-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu neċessarji għall-finijiet ta' manutenzjoni jew tiswija ta' apparat mediku.

13. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li ġejjin, jew l-għoti tal-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew l-għoti tal-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu neċessarji għall-użu domestiku personali ta' persuni fiżiċi fil-Belarussja:

(a) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8417 20;

(b) tubi, pajpijiet u fittings tal-pajpijiet tar-ram li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7411 jew 7412 li għandhom dijametru intern sa 50 mm.'

14. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3917 10, jew l-għoti tal-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jinbiegħu, jiġu fornuti, trasferiti jew esportati strettament għall-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem fil-Belarussja.'

15. Meta jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet għall-finijiet inklużi fil-paragrafi 8 , 9, 10, 12, 13 u 14, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhom jagħtu awtorizzazzjoni għall-esportazzjonijiet lil ebda persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja, jekk ikollhom raġunijiet validi biex jemmnu li l-oġġetti jista' jkollhom użu finali militari.

16. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 8, 9, 10, 12, 13 u 14 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(5) l-Artikolu 1e jiġi emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja tal-oġġetti u t-teknoloġija b'użu doppju msemmija fil-paragrafu 1, esportati mill-Unjoni għandu jkun ipprojbit.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, liċenzjar jew trasferiment b'xi mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetti permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew il-kostituzzjoni ta' sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821, il-projbizzjoni fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għat-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju maħsuba għall-finijiet stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. B'deroga mill-paragrafu 1a, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stipulati fil-punti (b), (c), (d) u (h) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.";

(6) l-Artikolu 1f, huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, kif elenkati fl-Anness Va, esportati mill-Unjoni għandu jkun ipprojbit.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, liċenzjar jew trasferiment b'xi mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetti permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew il-kostituzzjoni ta' sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1a ma għandhiex tapplika għat-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, kif elenkati fl-Anness Va, maħsuba għall-finijiet stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 3.";

(d) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) intiż għar-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Unjoni, tal-Istati Membri u ta' pajjiżi sħab, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet;";

(ii) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) intiż għall-iżgurar taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi fil-Belarussja għajr għall-Gvern u għall-impriżi tagħha li huma kkontrollati b'mod dirett jew indirett minn dak il-Gvern; jew";

(iii) jiżdied il-punt li ġej:

"(i) maħsuba għall-użu esklussiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru li jawtorizza u sabiex jissodisfa l-obbligi ta' manutenzjoni tiegħu f'żoni li huma taħt ftehim ta' kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Belarussja.";

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4b. B'deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, kif elenkati fl-Anness Va, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stipulati fil-punti (b), (c), (d), u (h) tal-paragrafu 4.";

(7) fl-Artikolu 1fa, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi jew naturali, entitajiet jew korpi identifikati fl-Anness V, u b'deroga mill-Artikolu 1e(1) u (2) u l-Artikolu 1f(1) u (2), u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw biss il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, u oġġetti u teknoloġija elenkati fl-Anness Va jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu:

(a) meħtieġa għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li probabbilment ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent; jew

(b) dovuti skont kuntratti konklużi qabel it-3 ta' Marzu 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, sakemm tali awtorizzazzjoni tkun intalbet qabel l-1 ta' Mejju 2022.";

(8) fl-Artikolu 1fb, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-awtorizzazzjonijiet kollha msemmija fl-Artikoli 1e, 1f u 1fa għandhom jinħarġu b'mezzi elettroniċi, kull meta jkun possibbli, fuq formoli li fihom tal-inqas l-elementi kollha tal-mudelli stabbiliti fl-Anness Vc u fl-ordni prevista fihom.";

(9) l-Artikolu 1fc huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 1e, 1f u 1fa mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni, inkluż dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija jew miċħuda u, f'każ ta' suspett ta' għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni jew każijiet oħra kif xieraq, dwar it-talbiet għall-awtorizzazzjoni li jirċievu.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-infurzar tal-Artikoli 1e, 1f u 1fa mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni, inkluż dwar ksur u penali relatati, kif ukoll l-aħjar prattiki tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar u s-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' esportazzjonijiet mhux awtorizzati. L-iskambju tal-informazzjoni għandu jsir permezz tas-sistema elettronika prevista fl-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2021/821.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Meta Stat Membru jagħti awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikoli 1e(4) (d), 1f(4)(d) jew 1fd(4) għall-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-prodotti u t-teknoloġija maħsuba għas-sikurezza marittima, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien ġimgħatejn mill-awtorizzazzjoni.";

(10) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 1fd

1. Għandu jkun pprojbit il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, tal-oġġetti u t-teknoloġija ta' navigazzjoni marittima, kif elenkati fl-Anness XXIV, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, liċenzjar jew trasferiment b'xi mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetti permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew il-kostituzzjoni ta' sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-għoti relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent finali mhux militari, maħsuba għal skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.";

(11) l-Artikoli li ġejjin jiġu inseriti:

"Artikolu 1ga

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' oġġetti ta' lussu, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni jew le, kif elenkati fl-Anness XXV, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, liċenzjar jew trasferiment b'xi mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetti permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew il-kostituzzjoni ta' sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

3. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tapplika għal oġġetti ta' lussu elenkati fl-Anness XXV sakemm il-valur tagħhom jaqbeż it-EUR 300 għal kull oġġett, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dak l-Anness.

4. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal oġġetti li jkunu meħtieġa għal finijiet uffiċjali tal-missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi msieħba fil-Belarussja jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali, jew l-oġġetti personali tal-persunal tagħhom.

5. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7113 00 00, u NM 7114 00 00 kif elenkati fl-Anness XXV, għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw mill-Unjoni Ewropea jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

6. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn il-Belarussja ta' oġġetti kulturali mislufin fil-kuntest ta' kooperazzjoni formali kulturali mal-Belarussja.

7. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 6 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 1gb

1. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-akkwist ta' kwalunkwe parteċipazzjoni ġdida jew l-estensjoni ta' kwalunkwe parteċipazzjoni eżistenti fi kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tal-Belarussja jew ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor u li joperaw fis-settur tal-enerġija fil-Belarussja;

(b) l-għoti jew li wieħed ikollu sehem minn kwalunkwe arranġament għall-għoti ta' xi self jew kreditu ġdid jew b'xi mod ieħor il-forniment ta' finanzjament, inkluż kapital ta' ekwità, lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tal-Belarussja jew ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor u li joperaw fis-settur tal-enerġija fil-Belarussja, jew għall-iskop dokumentat ta' finanzjament ta' tali persuna ġuridika, entità jew korp;

(c) il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża ġdida bi sħab ma' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tal-Belarussja jew ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor u li joperaw fis-settur tal-enerġija fil-Belarussja; jew

(d) l-għoti ta' servizzi ta' investiment li jkunu direttament relatati mal-attivitajiet imsemmija fil-punti minn (a), (b) u (c).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, kwalunkwe attività msemmija fil-paragrafu 1 wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) hija neċessarja biex tiġi żgurata l-provvista kritika tal-enerġija fl-Unjoni, kif ukoll it-trasport ta' gass naturali u żejt, inklużi prodotti tal-petroleum raffinat, sakemm dan ma jkunx ipprojbit skont l-Artikolu 1h, mill-Belarussja jew li jgħaddu mill-Belarussja, lejn l-Unjoni; jew

(b) hija tikkonċerna esklussivament persuna ġuridika, entità jew korp li joperaw fis-settur tal-enerġija fil-Belarussja proprjetà ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 2 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 1gc

1. Għandu jiġi pprojbit il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' oġġetti u teknoloġija adattati għall-użu fir-raffinar taż-żejt u l-likwefazzjoni tal-gass naturali, kif elenkat fl-Anness XX, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, liċenzjar jew trasferiment b'xi mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetti permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew il-kostituzzjoni ta' sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-2 ta' Ottubru 2024 ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness XX jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma meħtieġa għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollhom impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent.

F'każijiet debitament ġustifikati ta' emerġenza, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni jistgħu jipproċedu mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel sakemm l-esportatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara li jseħħ il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, filwaqt li jagħti dettalji dwar il-ġustifikazzjoni rilevanti għall-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(12) l-Artikolu 1h huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1h

1. Għandu jiġi pprojbit ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment, b'mod dirett jew indirett, ta' prodotti minerali, kif elenkati fl-Anness VII, u ta' żejt mhux maħdum, kif elenkat fl-Anness XXIII, jekk joriġinaw mill-Belarussja jew huma esportati mill-Belarussja.

2. Għandu jiġi pprojbit il-forniment, b'mod dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja jew kwalunkwe servizzi oħra relatati mal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għax-xiri fil-Belarussja ta' prodotti minerali kif elenkati fl-Anness VII li huma meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet essenzjali tax-xerrej fil-Belarussja jew ta' proġetti umanitarji fil-Belarussja.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għaż-żejt mhux maħdum, kif elenkat fl-Anness XXIII, sat-2 ta' Ottubru 2024, għal tranżazzjonijiet ta' darba għal forniment fuq perjodu fil-viċin, konklużi u eżegwiti qabel din id-data, jew għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' żejt mhux maħdum, kif elenkat fl-Anness XXIII konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, sakemm dawn il-kuntratti jkunu ġew innotifikati mill-Istat Membru rilevanti lill-Kummissjoni sat-23 ta' Lulju 2024 u sakemm it-tranżazzjonijiet ta' darba għal forniment fuq perjodu fil-viċin jiġu nnotifikati mill-Istati Membri rilevanti lill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem mit-tlestija tagħhom.";

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju għat-tranżitu mill-Belarussja ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00 li jiġi kkonsenjat permezz ta' pipeline mir-Russja lejn l-Istati Membri, sakemm il-Kunsill jiddeċiedi li l-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 3m tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 (*) għandhom japplikaw għaż-żejt mhux maħdum ikkonsenjat permezz ta' pipeline mir-Russja.

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).";

(13) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 1jc

1. Għandu jkun ipprojbit l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' servizzi ta' kontabbiltà, awditjar, inkluż awditjar statutorju, żamma tal-kotba jew ta' konsulenza fiskali, jew servizzi ta' konsulenza kummerċjali u ta' ġestjoni jew ta' relazzjonijiet pubbliċi:

(a) lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha; jew

(b) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni tar-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha.

2. Għandu jkun ipprojbit l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' servizzi arkitettoniċi u ta' inġinerija, servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' konsulenza tal-IT:

(a) lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha; jew

(b) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni tar-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha.

3. Għandu jkun ipprojbit l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' servizzi ta' riċerka dwar is-suq u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika, servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi u servizzi ta' reklamar:

(a) lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha; jew

(b) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni tar-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha.

4. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' software għall-ġestjoni ta' intrapriżi u software għad-disinn u l-manifattura industrijali kif elenkat fl-Anness XXVI:

(a) lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha; jew

(b) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni tar-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha.

5. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għall-forniment tagħhom, b'mod dirett jew indirett, lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni ta' tali persuna ġuridika, entità jew korp; jew

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għall-għoti tagħhom, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett, lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni ta' tali persuna ġuridika, entità jew korp.

6. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għall-għoti ta' servizzi li huma strettament neċessarji għat-terminazzjoni sat-2 ta' Ottubru 2024 ta' kuntratti li ma humiex konformi ma' dan l-Artikolu konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

7. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-għoti ta' servizzi li huma strettament meħtieġa għall-eżerċizzju tad-dritt tad-difiża fi proċedimenti ġudizzjarji u d-dritt għal rimedju legali effettiv.

8. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-għoti ta' servizzi li huma strettament meħtieġa biex jiġi żgurat aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew ta' arbitraġġ fi Stat Membru, jew għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, sakemm tali għoti ta' servizzi jkun konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament.

9. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw sat-2 ta' Jannar 2025 għall-għoti ta' servizzi maħsuba għall-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta' persuna ġuridika, entità jew korp inkorporat jew kostitwit skont il-liġi ta' Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew pajjiż sieħeb, kif elenkat fl-Anness Vb, jew li huma kkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minnu.

10. Il-paragrafi 2, 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-għoti ta' servizzi neċessarji għal emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

11. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-għoti tas-servizzi msemmijin fihom, b'tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawk is-servizzi huma strettament meħtieġa għall-istabbiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li:

(a) ineħħi l-kontroll mill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I fuq l-assi ta' persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru li ma humiex elenkati, u li huma proprjetà ta' jew huma kkontrollati minn tal-ewwel, u

(b) jiżgura li l-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ulterjuri ma jakkumulaw għall-benefiċċju tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp elenkati.

12. B'deroga mill-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-għoti ta' servizzi msemmijin fih, bil-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawk is-servizzi huma meħtieġa għall-kontribuzzjoni taċ-ċittadini Belarussi għal proġetti internazzjonali b'sors miftuħ.

13. B'deroga mill-paragrafi 1 sa 5, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw is-servizzi msemmijin fihom, b'tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa neċessarju għal:

(a) skopijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tal-għoti ta' assistenza, inkluż il-provvisti mediċi, l-ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u l-assistenza relatata, jew għall-evakwazzjonijiet;

(b) attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-Istat tad-dritt fil-Belarussja;

(c) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew pajjiżi sħab fil-Belarussja, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali;

(d) l-iżgurar tal-provvista kritika tal-enerġija fl-Unjoni u x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni tat-titanju, l-aluminju, ir-ram, in-nikil, il-palladju u l-mineral tal-ħadid;

(e) l-iżgurar tat-tħaddim kontinwu ta' infrastrutturi, hardware u software li huma kritiċi għas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem, jew għas-sikurezza tal-ambjent;

(f) l-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' radjoisotopi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;

(g) l-għoti ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-Unjoni meħtieġa għall-operat, il-manutenzjoni u s-sigurtà, inkluża ċ-ċibersigurtà, ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, fil-Belarussja, fl-Ukrajna, fl-Unjoni, bejn il-Belarussja u l-Unjoni, u bejn l-Ukrajna u l-Unjoni, u għal servizzi ta' ċentri tad-*data* fl-Unjoni; jew

(h) l-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness Vb.

14. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza legali msemmija fih, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jiddeterminaw li dan huwa meħtieġ għall-kontinwazzjoni ta' inizjattivi eżistenti li jipprovdu appoġġ lil vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi u fil-qafas ta' proċeduri ta' adozzjoni internazzjonali.

15. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 11 sa 14 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(14) L-Artikolu 1m huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1m

Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun iċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet f'dan ir-Regolament, inkluż bil-parteċipazzjoni f'tali attivitajiet mingħajr ma jkun tfittex deliberatament dak l-objettiv jew l-effett iżda bil-kuxjenza li l-parteċipazzjoni jista' jkollha dak l-objettiv jew l-effett u b'aċċettazzjoni ta' dik il-possibbiltà.";

(15) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 1ra

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment lejn l-Unjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' oġġetti li jippermettu lil Belarussja tiddiversifika s-sorsi ta' dħul tagħha, u u b'hekk jiġi ffaċilitat l-involviment tagħha fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif elenkat fl-Anness XXVII jekk joriġinaw mill-Belarussja jew jiġu esportati mill-Belarussja.

2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti u teknoloġija, b'mod dirett jew indirett fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawk l-oġġetti u teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal xiri fil-Belarussja li huwa meħtieġ għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew għall-użu personali ta' ċittadini tal-Istati Membri u l-membri immedjati tal-familja tagħhom.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jippermettu l-importazzjoni ta' oġġetti li huma maħsuba għall-użu strettament personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew ta' membri tal-familja immedjata tagħhom, u limitati għal oġġetti personali proprjetà ta' dawk l-individwi u li huma manifestament mhux maħsuba għall-bejgħ.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, id-dħul fl-Unjoni ta' vettura li taqa' taħt il-kodiċi NM 8703 mhux maħsuba għall-bejgħ u li tkun proprjetà ta':

(a) ċittadin ta' Stat Membru jew ta' membru tal-familja immedjata li jkun residenti fil-Belarussja u li jkun qed isuq il-vettura fl-Unjoni għall-użu strettament personali; jew

(b) ċittadin tal-Belarussja li għandu visa valida jew permess ta' residenza li jippermetti d-dħul fl-Unjoni, li qiegħed isuq il-vettura fl-Unjoni għall-użu strettament personali.

6. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għad-dħul fl-Unjoni ta' vetturi bil-mutur li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8703 sakemm ikollhom pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' vettura diplomatika u jkunu meħtieġa għall-funzjonament ta' rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali, jew għall-użu personali tal-persunal tagħhom u tal-membri tal-familja immedjata tagħhom.

7. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni vetturi li jkunu diġà fit territorju tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2024 milli jiġu rreġistrati fi Stat Membru.

8. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandix tapplika għad-dħul fl-Unjoni ta' vettura li taqa' taħt il-kodiċi NM 8703 maħsuba esklużivament għal skopijiet umanitarji, inkluż għall-evakwazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' persuni, jew għat-trasportazzjoni ta' passiġġeri li għandhom ċertifikat maħruġ minn Stat Membru li jiddikjara l-fatt li huma qegħdin jivvjaġġaw lejn dak l-Istat Membru fil-qafas ta' inizjattivi li jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi.

9. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fl-Anness XXVII, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-2 ta' Ottubru 2024 ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

10. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XXVII, jew l-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan ikun neċessarju għall-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' radjoisotopi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

11. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti li kienu jinsabu fiżikament fil-Belarussja qabel ma daħlet fis-seħħ il-projbizzjoni rilevanti fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8471, 8523, 8536 u 9027, kif elenkati fl-Anness XXVII, jew l-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li dawk l-oġġetti huma komponenti ta' apparati mediċi u jiddaħħlu fl-Unjoni għall-fini ta' manutenzjoni, tiswija jew ritorn ta' komponenti difettużi.

12. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 10 u 11 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 1rb

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, b'mod dirett jew indirett, ta' deheb, kif elenkat fl-Anness XXI jekk joriġina mill-Belarussja u jkun ġie esportat mill-Belarussja lejn l-Unjoni jew lejn kwalunkwe pajjiż terz wara 1 ta' Lulju 2024.

2. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, b'mod dirett jew indirett, tal-prodotti elenkati fl-Anness XXI meta dawn ikunu ġew ipproċessati f'pajjiż terz, bl-inkorporazzjoni tal-prodotti pprojbiti fil-paragrafu 1.

3. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, b'mod dirett jew indirett, tad-deheb, kif elenkat fl-Anness XXII, jekk joriġina mill-Belarussja u jkun ġie esportat mill-Belarussja lejn l-Unjoni wara 1 ta' Lulju 2024.

4. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafi 1, 2 u 3 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti, b'mod dirett jew indirett fir-rigward tal-projbizzjonijiet f'dawk il-paragrafi; jew

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawn l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, b'mod dirett jew indirett fir-rigward tal-projbizzjonijiet f'dawk il-paragrafi.

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhiex tapplika għal deheb li huwa meħtieġ għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi, uffiċċji konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu minn immunitajiet skont il-liġi internazzjonali.

6. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 3 ma għandhiex tapplika għal oġġetti kif elenkati fl-Anness XXII għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

7. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali li jkunu b'self fil-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali formali mal-Belarussja.

Artikolu 1rc

1. Għandu jkun ipprojbit, mill-1 ta' Lulju 2024, ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, b'mod dirett jew indirett, ta' djamanti u prodotti li fihom id-djamanti, kif elenkati fil-Partijiet A, B u C tal-Anness XXIX, jekk joriġinaw mill-Belarussja jew ikunu ġew esportati mill-Belarussja lejn l-Unjoni jew lejn xi pajjiż terz.

2. Għandu jkun ipprojbit, mill-1 ta' Lulju 2024, ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, b'mod dirett jew indirett, ta' djamanti u prodotti li fihom id-djamanti, kif elenkati fil-Partijiet A, B u C tal-Anness XXIX, ta' kwalunkwe oriġini, anki jekk permezz ta' tranżitu mit-territorju tal-Belarussja.

3. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafi 1 u 2, u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti, b'mod dirett jew indirett fir-rigward tal-projbizzjonijiet f'dawk il-paragrafi;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawn l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, b'mod dirett jew indirett fir-rigward tal-projbizzjonijiet f'dawk il-paragrafi.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal oġġetti elenkati fil-Parti C tal-Anness XXIX għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali li jkunu b'self fil-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali formali mal-Belarussja.";

(16) l-Artikolu 1s huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja tal-makkinarju kif elenkat fl-Anness XIVa, esportat mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.";

(b) jiddaħħal il-paragrafi li ġejjin:

4. "B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-makkinarju elenkat fl-Anness XIV jew l-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, wara li jkun ġie ddeterminat li dan huwa maħsub għar-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Unjoni, tal-Istati Membri, u tal-pajjiżi sħab, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(17) fl-Artikolu 1sa, huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, kif elenkati fl-Anness XVII, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, liċenzjar jew trasferiment b'xi mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetti permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew il-kostituzzjoni ta' sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"6a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness XVII, jew assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għall-produzzjoni ta' oġġetti tat-titanju meħtieġa fl-industrija tal-ajrunawtika, li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda provvista alternattiva.

6b. B'deroga mill-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, l-għoti ta' assistenza teknika, relatata mal-użu tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, wara li jkunu ddeterminaw li l-provvista ta' tali assistenza teknika hija meħtieġa biex tiġi evitata kolliżjoni bejn is-satelliti, jew id-dħul mill-ġdid mhux intenzjonat tagħhom fl-atmosfera.";

(d) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"7a. B'deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu ta' oġġetti u teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, kif elenkati fl-Anness XVII, mit-territorju tal-Belarussja, wara li jkunu ddeterminaw li dawn l-oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafi 6a, 6b u 7.

7b. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness XVII, jekk l-oġġetti jkunu maħsuba għall-użu esklużiv tal-Istat Membru tal-awtorizzazzjoni, u taħt il-kontroll sħiħ tiegħu u biex jissodisfa l-obbligi ta' manutenzjoni tiegħu f'żoni li huma b'kuntratt ta' lokazzjoni fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Belarussja.";

(18) l-Artikolu 1zc huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għat-trasport ta' oġġetti fit-territorju tal-Unjoni minn impriżi tat-trasport bit-triq, imwettaq permezz ta' trejlers jew semitrejlers irreġistrati fil-Belarussja, inkluż jekk dawk it-trejlers jew semitrejlers jingibdu minn trakkijiet irreġistrati f'pajjiżi oħra.

1b. Għandu jkun ipprojbit li kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni li 25 % jew aktar minnu jkun proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Belarussu jiġi ammess biex isir impriża tat-trasport bit-triq li tittrasporta merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.

1c. Għandu jkun ipprojbit, mit-2 ta' Awwissu 2024 li kwalunkwe impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fl-Unjoni wara t-8 ta' April 2022, li 25 % jew aktar minnha tkun il-proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Belarussu tittrasporta merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.

1d. L-impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti fl-Unjoni għandhom, fuq talba tal-awtorità kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, jipprovdu informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda tagħhom lil dik l-awtorità kompetenti nazzjonali."

(b) jiddaħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-paragrafi 1b u 1c ma għandhomx japplikaw għal impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti fl-Unjoni li 25 % jew aktar minnhom tkun proprjetà ta' ċittadini Belarussi li jkunu wkoll ċittadini ta' Stat Membru jew li jkollhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.";

(c) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 1a, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw it-trasport ta' oġġetti minn impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fil-Belarussja jew kwalunkwe impriża tat-trasport bit-triq meta jingarru permezz ta' trejlers jew semitrejlers irreġistrati fil-Belarussja, inkluż jekk dawk it-trejlers jew semitrejlers jingibdu minn trakkijiet irreġistrati f'pajjiżi oħra, jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddeterminaw li tali trasport huwa meħtieġ għal:";

(ii) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari fil-Belarussja, inkluż id-delegazzjonijiet, l-ambaxxati u l-missjonijiet, jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.";

(19) fl-Artikolu 2 jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"7. L-Anness I għandu jikkonsistwi wkoll minn lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, li, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (d), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK, ġew identifikati mill-Kunsill bħala li jiffaċilitaw ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK jew bħala li inkella jiffrustraw dawn id-dispożizzjonijiet b'mod sinifikanti.

8. L-Anness I għandu jinkludi wkoll persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati mal-persuni, entitajiet jew korpi msemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7.";

(20) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 4c

B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lil persuna ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I, jew li huma proprjetà tagħhom, jinżammu jew huma kkontrollati minnhom, jew l-għoti ta' servizzi lil tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa strettament meħtieġ għall-istabbiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li:

(a) ineħħi l-kontroll mill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I fuq l-assi ta' persuna ġuridika, entità jew korp mhux elenkati, inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru u li huma proprjetà tal-ewwel, jew huma kkontrollati minnhom, u

(b) jiżgura li l-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ulterjuri ma jakkumulaw għall-benefiċċju tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp elenkati.";

(21) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) problemi ta' ksur u infurzar, penali applikati għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali;";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Kwalunkwe dokument miżmum mill-Kunsill, mill-Kummissjoni jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-'Rappreżentant Għoli') għall-fini tal-iżgurar tal-infurzar tal-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament, jew tal-prevenzjoni tal-ksur jew iċ-ċirkomvenzjoni tagħhom, għandu jkun soġġett għas-segretezza professjonali u għandu jgawdi l-protezzjoni mogħtija mir-regoli applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dik il-protezzjoni għandha tapplika għall-proposti konġunti mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni għall-emendar ta' dan ir-Regolament u għal kwalunkwe dokument preparatorju relatat magħhom.

Għandu jiġi preżunt li l-iżvelar ta' kwalunkwe dokument jew proposta msemmija fl-ewwel subparagrafu jkun ta' ħsara għas-sigurtà tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha jew għat-twettiq tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom.";

(22) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 8da

1. Bħala deroga mill-Artikoli 1bb, 1e, 1f, 1fd, 1g, 1ga, 1gc, 1s u 1sa l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-provvista jew it-trasferiment tal-oġġetti u t-teknoloġiji elenkati fl-Annessi Va, VI, XIV, XVII, XVIII, XX, XXIV u XXV, sal-31 ta' Diċembru 2024, fejn it-tali bejgħ, provvista jew trasferiment ikunu strettament neċessarji għall-iżvestiment mill-Belarussja jew il-likwidazzjoni ta' attivitajiet kummerċjali fil-Belarussja, sakemm jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-oġġetti u t-teknoloġiji jkunu proprjetà ta' ċittadin ta' Stat Membru jew ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru jew ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta', jew huma ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru; u

(b) l-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet ma jkollhom l-ebda bażi raġonevoli biex jemmnu li l-oġġetti u t-teknoloġiji jistgħu jkunu għal utent finali militari jew ikollhom użu finali militari fil-Belarussja; u

(c) l-oġġetti u t-teknoloġiji kkonċernati kienu jinsabu fiżikament fil-Belarussja qabel ma daħlu fis-seħħ il-projbizzjonijiet rilevanti fl-Artikoli 1bb, 1e, 1f, 1fd, 1g, 1ga, 1gc, 1s u 1sa fir-rigward ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġiji.

2. B'deroga mill-Artikolu 1h, f'dak li jirrigwarda l-prodotti minerali, u mill-Artikoli 1o, 1p, 1q, 1r, 1ra u 1rb, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti elenkati fl-Annessi VII, X, XI, XII, XIII, XXI, XXII u XXVII sal-31 ta' Diċembru 2024, fejn tali importazzjoni jew trasferiment ikunu strettament meħtieġa għall-iżvestiment mill-Belarussja jew il-likwidazzjoni ta' attivitajiet kummerċjali fil-Belarussja, sakemm jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-oġġetti jkunu proprjetà ta' ċittadin ta' Stat Membru jew ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru jew ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta', jew huma kkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru; u

(b) l-oġġetti kkonċernati kienu jinsabu fiżikament fil-Belarussja qabel ma daħlu fis-seħħ il-projbizzjonijiet rilevanti fl-Artikolu 1h, fir-rigward ta' prodotti minerali, jew fl-Artikoli 1o, 1p, 1q, 1r, 1ra u 1rb, fir-rigward ta' dawk l-oġġetti.

3. B'deroga mill-Artikolu 1jc, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-kontinwazzjoni tal-għoti ta' servizzi elenkati fih sal-31 ta' Diċembru 2024 meta tali għoti ta' servizzi jkun strettament meħtieġ għall-iżvestiment mill-Belarussja jew il-likwidazzjoni ta' attivitajiet kummerċjali fil-Belarussja, sakemm li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tali servizzi huma pprovduti lill-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi li jirriżultaw mill-iżvestiment, u għall-benefiċċju esklużiv tagħhom; u

(b) l-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet ma jkollhom l-ebda raġuni raġonevoli biex jemmnu li s-servizzi jistgħu jiġu mogħtija, b'mod dirett jew indirett, lill-Gvern tal-Belarussja jew utent finali militari jew ikollhom użu finali militari fil-Belarussja;

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1, 2 u 3 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

5. L-awtorizzazzjonijiet kollha msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-oġġetti u t-teknoloġiji elenkati fl-Anness Va ta' dan ir-Regolament kif ukoll fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 għandhom jinħarġu b'mezzi elettroniċi, kull meta jkun possibbli, fuq formoli li jkun fihom mill-inqas l-elementi kollha tal-mudell C stabbilit fl-Anness Vc ta' dan ir-Regolament u fl-ordni prevista fih.";

(23) fl-Artikolu 8e jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar, l-awtoritajiet doganali fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), l-awtoritajiet kompetenti fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***) u d-Direttiva 2014/65/UE, kif ukoll l-amministraturi tar-reġistri uffiċjali fejn persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi kif ukoll proprjetà immobbli jew mobbli huma rreġistrati, għandhom jipproċessaw u jiskambjaw mingħajr dewmien informazzjoni, inkluża *data* personali u, jekk meħtieġ, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8j, ma' awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istat Membru tagħhom, ta' Stati Membri oħra u l-Kummissjoni, jekk tali pproċessar u skambju jkun meħtieġ biex jitwettqu l-kompiti tal-awtorità tal-ipproċessar jew tal-awtorità riċeventi skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari meta jidentifikaw każijiet ta' ksur jew ċirkomvenzjoni, jew

tentattivi ta' ksur jew ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet ġudizzjarji.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

(**) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(***) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73)."

(24) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 8f*

1. Għall-finijiet tal-projbizzjonijiet tal-importazzjoni ta' oġġetti previsti f'dan ir-Regolament, l-oġġetti fiżikament fl-Unjoni jistgħu jiġu rilaxxati kif previst fl-Artikolu 5, il-punt (26), tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, mill-awtoritajiet doganali sakemm dawn ikunu ġew ippreżentati lid-dogana f'konformità mal-Artikolu 134 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni qabel id-dħul fis-sehħ jew id-data ta' applikazzjoni tal-projbizzjonijiet tal-importazzjoni rispettivi, skont liema tkun l-aktar reċenti.

2. Il-passi proċedurali kollha meħtieġa għar-rilaxx imsemmi fil-paragrafi 1 u 5 tal-oġġetti rilevanti skont il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għandhom ikunu permessi.

3. L-awtoritajiet doganali ma għandhomx jippermettu r-rilaxx ta' oġġetti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jissuspettaw ċirkomvenzjoni u ma għandhomx jawtorizzaw ir-riesportazzjoni tal-oġġetti lejn il-Belarussja.

4. Il-ħlasijiet relatati ma' tali oġġetti għandhom ikunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet u l-objettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-projbizzjoni tax-xiri.

5. L-oġġetti fiżikament fl-Unjoni u ppreżentati lid-dogana qabel l-1 ta' Lulju 2024 li twaqqfu skont l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu rilaxxati mill-awtoritajiet doganali bil-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 sa 4.

Artikolu 8g

1. Meta jbigħu, jipprovdu, jittrasferixxu jew jesportaw lejn pajjiż terz, bl-eċċezzjoni ta' pajjiżi elenkati fl-Anness Vba ta' dan ir-Regolament, oġġetti jew teknoloġija kif elenkati fl-Annessi XVI, XVII u XXVIII ta' dan ir-Regolament, oġġetti komuni ta' prijorità għolja kif elenkati fl-Anness XXX ta' dan ir-Regolament, jew armi tan-nar jew munizzjon kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012, l-esportaturi għandhom jipprojbixxu kuntrattwalment ir-riesportazzjoni lejn il-Belarussja u r-riesportazzjoni għall-użu fil-Belarussja.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

(a) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti relatati ma' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8457 10, 8458 11, 8458 91, 8459 61, 8466 93, kif elenkati fl-Anness XXX;

(b) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024 sad-data tal-iskadenza tagħhom.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal kuntratti pubbliċi konklużi ma' awtorità pubblika f'pajjiż terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.

4. L-esportaturi għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew stabbiliti bi kwalunkwe kuntratt pubbliku li kkonkludew li jkun ibbenefika mill-eżenzjoni skont il-paragrafu 3, fi żmien ġimagħtejn mill-konklużjoni tiegħu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe informazzjoni riċevuta skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn meta tiġi riċevuta.

5. B'applikazzjoni tal-paragrafu 1, l-esportaturi għandhom jiżguraw li l-ftehim mal-kontroparti ta'pajjiż terz ikun fih rimedji adegwati f'każ ta' ksur ta' obbligu kuntrattwali konklużż f'konformità mal-paragrafu 1.

6. Jekk kontroparti tal-pajjiż terz tikser kwalunkwe obbligu kuntrattwali konkluż f'konformità mal-paragrafu 1, l-esportaturi għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew stabbiliti malli jsiru jafu bil-ksur.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar każijiet identifikati ta' ksur jew ċirkomvenzjoni ta' obbligu kuntrattwali konkluż f'konformità mal-paragrafu 1.

Artikolu 8ga

1. Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi li jbigħu, ifornu, jittrasferixxu jew jesportaw oġġetti komuni ta' prijorità għolja kif elenkati fl-Anness XXX ta' dan ir-Regolament għandhom, mit-2 ta' Jannar 2025,

(a) jieħdu passi xierqa, proporzjonalment għan-natura u d-daqs tagħhom, biex jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji tal-esportazzjoni lejn il-Belarussja u l-esportazzjoni għall-użu fil-Belarussja għal tali oġġetti jew teknoloġija, u jiżguraw li dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju jiġu ddokumentati u jinżammu aġġornati;

(b) jimplimentaw politiki, kontrolli u proċeduri xierqa, proporzjonalment għan-natura u d-daqs tagħhom, biex jimmitigaw u jimmaniġġaw b'mod effettiv ir-riskji tal-esportazzjoni lejn il-Belarussja u l-esportazzjoni għall-użu fil-Belarussja għal tali oġġetti jew teknoloġija, kemm jekk dawk ir-riskji jkunu ġew identifikati fil-livell tagħhom kif ukoll jekk fil-livell tal-Istat Membru jew tal-Unjoni.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li jbigħu, ifornu jew jittrasferixxu oġġetti komuni ta' prijorità għolja kif elenkati fl-Anness XXX biss fl-Unjoni jew lil pajjiżi elenkati fl-Anness Vba ta' dan ir-Regolament.

3. Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom, mit-2 ta' Jannar 2025, jiżguraw li kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit barra mill-Unjoni li jkun proprjetà tagħhom jew jikkontrollawh u li jbigħ, iforni, jittrasferixxi jew jesporta oġġetti komuni ta' prijorità għolja kif elenkati fl-Anness XXX jimplimenta r-rekwiżiti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika meta, minħabba raġunijiet li ma kkawżawx huma stess, persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ma jkunux jistgħu jeżerċitaw kontroll fuq il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp li huma proprjetà tagħhom.

Artikolu 8h

Kwalunkwe persuna msemmija fit-tielet u r-raba' inċiż tal-Artikolu 10 għandha tkun intitolata li tirkupra, fi proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati kompetenti tal-Istat Membru, kwalunkwe dannu, fosthom spejjeż legali, imġarrab minn dik il-persuna bħala konsegwenza ta' talbiet imressqa fil-qrati f'pajjiżi terzi minn persuni, entitajiet u korpi msemmija fil-punt (a), (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 8d(1), b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li l-eżekuzzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, dment li l-persuna kkonċernata ma jkollhiex aċċess effettiv għar-rimedji taħt il-ġuriżdizzjoni rilevanti.

Artikolu 8i

Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw li kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit barra mill-Unjoni li jkun proprjetà tagħhom jew li jikkontrollaw ma jipparteċipax f'attivitajiet li jdgħajfu l-miżuri restrittivi previsti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 8j

1. B'konsistenza mar-rispett għall-konfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom garantita fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, fejn applikabbli, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-konfidenzjalità tal-informazzjoni li tinżamm mill-awtoritajiet ġudizzjarji, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

(a) jagħtu kwalunkwe informazzjoni li tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri fejn ikunu residenti jew fejn jinsabu, fi żmien ġimagħtejn mill-akkwist ta' din l-informazzjoni; u

(b) jikkooperaw mal-awtorità kompetenti fi kwalunkwe verifika ta' tali informazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-konfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom għandha tinkludi l-konfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet relatati mal-parir legali pprovdut minn professjonisti ċċertifikati oħra li huma awtorizzati skont il-liġi nazzjonali biex jirrappreżentaw lill-klijenti tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji, sa fejn tali parir legali jingħata b'rabta ma' proċedimenti ġudizzjarji pendenti jew prospettivi.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jkun irċieva skont il-paragrafu 1 fi żmien xahar minn meta jirċeviha. L-Istat Membru kkonċernat jista' jibgħat tali informazzjoni f'forma anonimizzata jekk awtorità investigattiva jew ġudizzjarja tkun iddakjaratha bħala konfidenzjali fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji kriminali pendenti.

4. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-Kummissjoni tirċievi direttament għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

5. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta jew riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-għanijiet li għalihom tkun ngħatat jew ġiet riċevuta.";

(25) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali, inkluż fejn xieraq penali kriminali, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, u jistgħu jqisu l-awtodivulgazzjoni volontarja ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament bħala fattur mitiganti, f'konformità mal-liġi nazzjonali rispettiva. L-Istati Membri għandhom jipprevedu wkoll miżuri xierqa ta' konfiska tar-rikavat ta' tali ksur.";

(26) L-Annessi huma emendati f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LAHBIB

ANNESS

L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness Va huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS Va

Lista ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikoli 1f(1) u 1fa(1)

Parti A

Noti Ġenerali, Akronimi u Abbrevjazzjonijiet, u Definizzjonijiet fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 japplikaw għal dan l-Anness, bl-eċċezzjoni tal-"Parti I — Noti Ġenerali, Akronimi u Abbrevjazzjonijiet, u Definizzjonijiet, Noti Ġenerali tal-Anness I, il-punt 2".

Id-definizzjonijiet tat-Termini użati fil-Lista Militari Komuni (Common Military List , CML) tal-Unjoni Ewropea (2020/C 85/01) japplikaw għal dan l-Anness.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1m ta' dan ir-Regolament, oġġetti mhux ikkontrollati li fihom komponent wieħed jew aktar minn dawk elenkati f'dan l-Anness mhumiex soġġetti għall-kontrolli skont l-Artikoli 1f(1) u 1fa(1) ta' dan ir-Regolament.

Kategorija I - Elettronika

X.A.I.001 Apparati u komponenti elettroniċi.

a. “Mikroċirkwiti ta’ mikroproċessuri”, “mikroċirkwiti ta’ mikrokompjuters”, u mikroċirkwiti tal-mikrokontrolluri li għandhom xi wieħed minn dawn li ġejjin:

1. Veloċità tal-prestazzjoni ta’ 5 GigaFLOPS jew aktar u unità loġika aritmetika b’wisa’ ta’ aċċess ta’ 32 bit jew aktar;

2. Rata tal-frekwenza tal-arloġġ ta’ aktar minn 25 MHz; jew

3. Aktar minn bus waħda ta’ *data* jew tal-istruzzjoni jew port wieħed tal-komunikazzjoni serjali li jipprovdu interkonnessjoni esterna diretta bejn ‘mikroċirkwiti tal-mikroproċessur’ paralleli b’rata ta’ trasferiment ta’ 2,5 Mbyte/s;

b. Ċirkwiti integrati tal-ħżin, kif ġej:

1. Memorji jinqraw biss, kanċellabbli u programmabbli bl-elettriku (electrically erasable programmable read-only memories, EEPROMs) b’kapaċità ta’ ħżin;

a. Li jaqbżu s-16-il Mbit kull pakkett għal tipi ta’ memorja flash; jew

b. Li jaqbżu xi wieħed mil-limiti li ġejjin għat-tipi l-oħra kollha ta' EEPROM:

1. Jaqbżu 1 Mbit kull pakkett; jew

2. Jaqbżu l-256 kbit kull pakkett u ħin massimu ta' aċċess ta' inqas minn 80 ns;

2. Memorji statiċi b'aċċess każwali (static random access memories, SRAMs) b'kapaċità ta' ħżin li:

a. Li jaqbżu l-1 Mbit kull pakkett; jew

b. Li jaqbżu 256 kbit kull pakkett u ħin massimu ta' aċċess ta' inqas minn 25 ns;

c. Konvertituri minn analoġiku għal diġitali li għandhom xi wieħed minn dawn li ġejjin:

1. Riżoluzzjoni ta' 8 bit jew aktar, iżda inqas minn 12-il bit, b'rata ta' output akbar minn 200 Mega Kampjun Kull Sekonda (MSPS);

2. Riżoluzzjoni ta' 12-il bit b'rata ta' output akbar minn 105 Mega Kampjuni kull Sekonda (MSPS);

3. Riżoluzzjoni ta’ aktar minn 12-il bit iżda daqs jew inqas minn 14-il bit b’rata ta’ output akbar minn 10 Mega Kampjuni kull Sekonda (MSPS); jew

4. Riżoluzzjoni ta’ 14-il bit b’rata ta’ output akbar minn 2,5 Mega Kampjuni kull Sekonda (MSPS);

d. Apparat loġiku programmabbli fuq il-post li għandu għadd massimu ta’ input/outputs diġitali b’tarf wieħed bejn 200 u 700;

e. Proċessuri FFT (Fast Fourier Transform) li għandhom ħin ta’ eżekuzzjoni nominali għal FFT kumplessa ta’ 1 024 punt ta’ inqas minn 1 ms;

f. Ċirkwiti integrati mibnija skont l-ordni li l-funzjoni għalihom ma tkunx magħrufa, jew l-istatus ta’ kontroll tat-tagħmir fejn ikunu ser jintużaw iċ-ċirkwiti integrati ma jkunx magħruf mill-manifattur, li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

1. Aktar minn 144 terminal; jew

2. Dewmien tal-propagazzjoni bażiku tipiku ta’ inqas minn 0,4 ns;

g. ‘Apparat elettroniku bil-vakwu’ bil-mewġ progressiv, b’mewġ bl-impuls jew kontinwu, kif ġej:

1. Apparati b’kavità akkoppjati, jew derivattivi tagħhom;

2. Apparati bbażati fuq l-ispirali, gwidi tal-mewġ mitwija, jew ċirkwiti tal-gwidi tal-mewġ serpentini, jew derivattivi tagħhom, li għandhom kwalunkwe wieħed milli ġej:

a. “Wisa’ tal-banda istantanja” ta’ nofs ottava jew aktar u potenza medja (espressa f’kW) immultiplikata bil-frekwenza (espressa f’GHz) ta’ aktar minn 0,2; jew

b. “Wisa’ tal-banda istantanja” ta’ inqas minn nofs ottava; u potenza medja (espressa f’kW) immultiplikata bil-frekwenza (espressa f’GHz) ta’ aktar minn 0,4;

h. Gwidi tal-mewġ flessibbli ddisinjati għall-użu fi frekwenzi li jaqbżu l-40 GHz;

i. Apparat li juża mewġ akustiku tal-wiċċ u mewġ akustiku li jmiss il-wiċċ (mhux profond), li għandu xi wieħed minn dan li ġej:

1. Frekwenza portatriċi ta' aktar minn 1 GHz; jew

2. Frekwenza portatriċi ta' 1 GHz jew inqas; u

a. "Twarrib tal-lobi laterali bi frekwenza" ta' aktar minn 55 dB;

b. Ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ħin massimu ta' dewmien mal-wisa' tal-banda (ħin f'μs u wisa' tal-banda f'MHz) ta' aktar minn 100; jew

c. Dewmien għad-dispersjoni ta' aktar minn 10 μs;

*Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.I.001.i l-"iskartar tal-lobi laterali tal-frekwenza" huwa l-valur massimu ta' skartar speċifikat fil-folja tad-*data.

j. "Ċelloli" kif ġej:

1. "Ċelloli primarji" li għandhom "densità ta' enerġija" ta' 550 Wh/kg jew inqas f'293 K (20 °C);

2. “Ċelloli sekondarji” li għandhom densità ta’ enerġija ta’ 350 Wh/kg jew inqas f’293 K (20 °C);

Nota: X.A.I.001.j. ma jikkontrollax il-batteriji, inklużi l-batteriji b’ċellula waħda.

Noti Tekniċi:

1. Għall-fini ta’ X.A.I.001.j id-densità tal-enerġija (Wh/kg) hija kkalkulata mill-vultaġġ nominali mmultiplikat bil-kapaċità nominali f’ampere-sigħat (Ah) diviż bil-massa f’kilogrammi. Jekk il-kapaċità nominali ma tkunx iddikjarata, id-densità tal-enerġija tiġi kkalkulata mill-vultaġġ nominali kwadrat imbagħad immultiplikat b’kemm idum l-iskariku f’sigħat diviża bit-tagħbija tal-iskarika f’Ohms u l-massa f’kilogrammi.

2. Għall-fini ta’ X.A.I.001.j, “ċellula” hija definita bħala apparat elettrokimiku, li għandu elettrodi pożittivi u negattivi, u elettrolit, u huwa sors ta’ enerġija elettrika. Din hija l-element kostitwenti bażiku ta’ batterija.

3. Għall-fini ta’ X.A.I.001.j.1, “ċellula primarja” hija “ċellula” li mhijiex iddisinjata biex tiġi ċċarġjati minn xi sors ieħor.

4. Għall-fini ta’ X.A.I.001.j.2, “ċellula sekondarja” hija “ċellula” li hija ddisinjata biex tiġi ċċarġjati minn sors elettriku estern.

k. Elettrokalamiti ‘superkonduttivi’ jew solenojdi, iddisinjati apposta sabiex jiġu ċċarġjati jew iddiskarġjati kompletament f’anqas minn minuta, u li għandhom dan kollu li ġej:

Nota: X.A.I.001.k ma jikkontrollax elettrokalamiti “superkonduttivi” jew solenojdi ddisinjati għal tagħmir mediku b’Immaġini b’Reżonanza Manjetika (MRI).

1. Enerġija massima kkonsenjata matul l-iskariku diviża b’kemm idum l-iskariku ta’ aktar minn 500 kJ fil-minuta;

2. Dijametru intern tal-koljaturi li jġorru l-kurrent ta’ aktar minn 250 mm; u

3. Speċifikati għal induzzjoni manjetika ta’ aktar minn 8T jew “densità totali tal-kurrent” fil-koljatura ta’ aktar minn 300 A/mm^2;

l. Ċirkwiti jew sistemi għall-ħażna elettromanjetika tal-enerġija, li fihom komponenti manifatturati minn materjali ‘superkonduttivi’ ddisinjati apposta għal tħaddim f’temperaturi taħt it-‘temperatura kritika’ ta’ mill-inqas wieħed mill-kostitwenti ‘superkonduttivi’ tagħhom, li għandhom dan kollu li ġej:

1. Frekwenzi operattivi reżonanti ta’ aktar minn 1 MHz;

2. Densità ta’ enerġija maħżuna ta’ 1 Mj/m^3 jew aktar; u

3. Ħin ta’ skariku ta’ inqas minn 1 ms;

m. Tiratroni tal-idroġenu/iżotopi tal-idroġenu b'kostruzzjoni ta' metall taċ-ċeramika u rata għall-ogħla kurrent ta' 500 A jew aktar;

n. Filtri ta' frekwenza taċ-ċeramika;

o. Ċelloli solari, assemblaġġi bil-koperturi tal-ħġieġ biċ-ċelloli interkonnessi (cell-interconnect-coverglass, CIC), pannelli solari, u matriċi solari, li huma "kwalifikati għall-ispazju" u mhux ikkontrollati minn 3A001.e.4[1];

p. Trimmers taċ-ċermit.

X.A.I.002 "Assemblaġġi elettroniċi", moduli u tagħmir bi skop ġenerali.

a. Tagħmir elettroniku għall-ittestjar, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

b. Reġistraturi tad-*data* b'tejp manjetiku bl-istrumentazzjoni diġitali li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin;

1. Rata massima ta' trasferiment ta' interfaċċa diġitali li taqbeż is-60 Mbit/s u li tuża tekniki ta' skennjar elikali;

2. Rata massima ta' trasferiment ta' interfaċċa diġitali li taqbeż il-120 Mbit/s u li tuża tekniki ta' ras fissa;

3. 'Spazju kwalifikat';

[1] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

c. Tagħmir, b'rata massima ta' trasferiment diġitali tal-interfaċċa ta' aktar minn 60 Mbit/s, iddisinjat biex jikkonverti rekorder vidjo diġitali bit-tejp manjetiku għall-użu bħala reġistraturi diġitali tad-*data* tal-istrumentazzjoni;

d. Oxxilloskopji analogi mhux modulari li għandhom wisa' tal-banda ta' 1 GHz jew aktar;

e. Sistemi modulari analogi ta' oxxilloskopju li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Mainframe b'wisa tal-banda ta' 1 GHz jew aktar; jew

2. Moduli plug-in b'wisa' tal-banda individwali ta' 4 GHz jew aktar;

f. Oxxilloskopji tal-kampjunar analogi għall-analiżi ta' fenomeni rikorrenti b'wisa' tal-banda effettiva ta' aktar minn 4 GHz;

g. Oxxilloskopji diġitali u rekorders tranżitorji, li jużaw tekniki ta' konverżjoni analogi għal diġitali, li kapaċi jaħżnu tranżjenti billi jieħdu kampjuni sekwenzjali ta' inputs b'tir wieħed f'intervalli suċċessivi ta' inqas minn 1 ns (akbar minn 1 Giga Kampjuni fis-sekonda (GSPS)), filwaqt li jiddiġitalizzaw għal riżoluzzjoni ta' 8 bit jew akbar u jaħżnu 256 kampjun jew aktar.

Nota: X.A.I.002 jikkontrolla l-komponenti ddisinjati apposta li ġejjin għal oxxilloskopji analogi:

1. *Unitajiet plug-in;*
2. *Amplifikaturi esterni;*
3. *Preamplifikaturi;*
4. *Apparat għat-teħid ta' kampjuni;*
5. *Tubi katodiċi.*

X.A.I.003 Tagħmir tal-ipproċessar speċifiku, minbarra dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

a. Varjaturi tal-frekwenza u komponenti ddisinjati apposta, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

b. Spettrometri tal-massa, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

c. Il-magni kollha tar-raġġi X bil-flash, jew komponenti ta' sistemi tal-potenza bl-impulsi ddisinjati għalihom, inklużi ġeneraturi Marx, networks għat-tiswir tal-impulsi ta' potenza qawwija, kapaċitatur ta' vultaġġ għoli, u grilli;

d. Amplifikaturi tal-implusi, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

e. Tagħmir elettroniku għall-ġenerazzjoni tad-dewmien fil-ħin jew għall-kejl tal-intervall tal-ħin, kif ġej:

1. Ġeneraturi diġitali tad-dewmien tal-ħin b'riżoluzzjoni ta' 50 ns jew inqas fuq intervalli ta' ħin ta' 1 μs jew aktar; jew

2. Meter tal-intervall tal-ħin multikanali (tlieta jew aktar) jew modulari u tagħmir tal-kronometrija b'riżoluzzjoni ta' 50 ns jew inqas fuq intervalli ta' ħin ta' 1 μs jew aktar;

f. Strumenti analitiċi tal-kromatografija u l-ispettrometrija.

X.B.I.001 Tagħmir għall-manifattura ta' komponenti jew materjali elettroniċi, kif ġej u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalih:

a. Tagħmir iddisinjat apposta għall-manifattura ta' tubi tal-elettroni, elementi ottiċi u komponenti ddisinjati apposta għalihom ikkontrollati minn 3A001[2] jew X.A.I.001;

[2] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

b. Tagħmir iddisinjat apposta għall-manifattura ta' apparat semikonduttur, ċirkwiti integrati u 'assemblaġġi elettroniċi', kif ġej, u sistemi li jinkorporaw jew li għandhom il-karatteristiċi ta' tali tagħmir:

Nota: X.B.I.001.b. jikkontrolla wkoll tagħmir użat jew modifikat għall-użu fil-manifattura ta' apparat ieħor, bħal apparat tal-immaġni, apparat elettro-ottiku, apparat b mewġ akustiku.

1. Tagħmir għall-ipproċessar ta' materjali għall-manifattura ta' apparati u komponenti kif speċifikat fl-intestatura ta' X.B.I.001.b, kif ġej:

Nota: X.B.I.001 ma jikkontrollax it-tubi kwarzużi tal-fran, liners tal-fran, il-paletti, l-istands (ħlief stands b'qafas iddisinjati apposta), bubblers, kassetti jew griġjoli ddisinjati apposta għat-tagħmir tal-ipproċessar ikkontrollat minn X.B.I.001.b.1.

a. Tagħmir għall-produzzjoni tas-siliċju polikristallin u materjali kkontrollati bi 3C001[3];

b. Tagħmir iddisinjat apposta għall-purifikazzjoni jew l-ipproċessar ta' materjali semikondutturi III/V u II/VI rregolati minn 3C001, 3C002, 3C003, 3C004, jew 3C005[4] għajr għall-pullers tal-kristalli, li għalihom ara X.B.I.001.b.1.c hawn taħt;

[3] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.
[4] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

c. Pullers tal-kristall u fran, kif ġej:

Nota: X.B.I.001.b.1.c ma jikkontrollax il-fran ta' diffużjoni u ta' ossidazzjoni.

1. Tagħmir għall-ittemprar jew ir-rikristalizzazzjoni ħlief fran b'temperatura kostanti li juża rati ogħla ta' trasferiment ta' enerġija li jista' jipproċessa pjastrini b'rata li taqbeż iż-0,005 m^2 kull minuta.

2. Pullers tal-kristall 'ikkontrollati bi programm maħżun' li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

a. Rikarikabbli mingħajr ma jinbidel il-kontenitur tal-griġjol;

b. Kapaċi li joperaw taħt pressjoni li taqbeż it-2,5 x 10^5 Pa; jew

c. Kapaċi jiġbdu kristalli ta' dijametru ta' aktar minn 100 mm;

d. Tagħmir 'ikkontrollat minn programm maħżun' għal tkabbir epitassjali li jkollu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Kapaċi li jipproduċi saff tas-siliċju bi ħxuna uniformi ta' anqas minn ± 2,5 % fuq distanza ta' 200 mm jew aktar;

2. Kapaċi jipproduċi saff ta' kwalunkwe materjal minbarra siliċju b'uniformità ta' ħxuna tul il-wafer ta' ± 3,5 % jew aħjar; jew

3. Rotazzjoni ta' wafers individwali waqt l-ipproċessar;

e. Tagħmir ta' tkabbir epitassjali b'raġġ molekulari;

f. Tagħmir ta' "pulverizzazzjoni katodika" msaħħaħ manjetikament b'serraturi tat-tagħbija integrali ddisinjati apposta li kapaċi jittrasferixxu wafers f'ambjent iżolat b'vakwu;

g. Tagħmir iddisinjat apposta għall-impjantazzjoni jonika, diffużjoni ta' joni mtejba jew fotomsaħħa, li għandu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Kapaċità ta' ffurmar ta' forom;

2. Enerġija tar-raġġ (vultaġġ ta' aċċellerazzjoni) ogħla minn 200 keV;

3. Ottimizzat biex jaħdem b'enerġija mir-raġġ (vultaġġ ta' aċċellerazzjoni) ta' inqas minn 10 keV;

4. Kapaċi għal impjantazzjoni ta' ossiġnu b'enerġija għolja f'"sottostrat" imsaħħan;

h. Tagħmir “ikkontrollat bi programm maħżun” għat-tneħħija selettiva (inċiżjoni) permezz ta’ metodi xotti aniżotropiċi (pereż., plażma), kif ġej:

1. “Tipi ta’ lottijiet” li għandhom wieħed minn dawn li ġejjin:

a. Detezzjoni fil-punt finali, ħlief tipi ta’ spettroskopija ta’ emissjoni ottika; jew

b. Pressjoni operazzjonali (inċiżjoni) tar-reattur ta’ 26,66 Pa jew inqas;

2. “Tipi tal-wafer singola” li għandhom wieħed minn dawn li ġejjin:

a. Detezzjoni fil-punt finali, ħlief tipi ta’ spettroskopija ta’ emissjoni ottika;

b. Pressjoni operazzjonali (inċiżjoni) tar-reattur ta’ 26,66 Pa jew inqas; jew

c. Kassetta għal kassetta u load locks li jimmanipulaw il-pjastrini;

Noti:

1. *"Tipi ta' lottijiet" tirreferi għal magni li mhumiex iddisinjati apposta għall-ipproċessar tal-produzzjoni ta' wafers singoli. Magni bħal dawn jistgħu jipproċessaw żewġ wafers jew aktar simultanjament b'parametri ta' proċess komuni, pereż. potenza RF, temperatura, speċijiet ta' gass etch, rati ta' fluss.*

2. *"Tipi tal-wafer singola" tirreferi għal magni ddisinjati apposta għall-ipproċessar tal-produzzjoni ta' wafers singoli. Dawn il-magni jistgħu jużaw tekniki awtomatiċi għall-immaniġġar tal-wafers biex jgħabbu wafer waħda fit-tagħmir għall-ipproċessar. Id-definizzjoni tinkludi tagħmir li jista jgħabbi u jipproċessa diversi wafers iżda fejn il-parametri tal-inċiżjoni, pereżempju l-potenza RF jew il-punt tat-tmiem, jistgħu jiġu ddeterminati b'mod indipendenti għal kull wafer individwali.*

i. Tagħmir ta' depożitar kimiku f'fażi ta' fwar (chemical vapour deposition, CVD), pereż., CVD (PECVD) imtejjeb bil-plażma jew CVD imtejjeb b'fotografija, għall-manifattura ta' apparat semikonduttur, li għandu waħda minn dawn il-kapaċitajiet li ġejjin, għad-depożizzjoni ta' ossidi, nitridi, metalli jew polisiliċju:

1. Tagħmir ta' depożitar kimiku f'fażi ta' fwar li jopera taħt l-10^5 Pa; jew

2. Tagħmir PECVD li jopera jew taħt is-60 Pa jew li għandu mmaniġġar awtomatiku tal-wafers kassetta għal kassetta u load lock;

Nota: X.B.I.001.b.1.i ma jikkontrollax sistemi ta' depożitar kimiku f'fażi ta' fwar (low pressure "chemical vapour deposition", LPCVD) bi pressjoni baxxa jew tagħmir reattiv ta' "pulverizzazzjoni".

j. Sistemi ta' raġġi ta' elettroni ddisinjati apposta jew modifikati għall-manifattura tal-maskri jew l-ipproċessar ta' apparat semikonduttur li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Deflessjoni elettrostatika tar-raġġ;

2. Profil ta' raġġ iffurmat, mhux Gaussjan;

3. Rata ta' konverżjoni minn diġitali għal analoga ta' aktar minn 3 MHz;

4. Akkuratezza tal-konverżjoni minn diġitali għal analog li taqbeż it-12-il bit; jew

5. Preċiżjoni tal-kontroll tal-feedback tal-pożizzjoni tal-bersall sar-raġġ ta' 1 μm jew aktar fin;

Nota: X.B.I.001.b.1.j ma jikkontrollax is-sistemi ta' depożizzjoni għar-raġġi tal-elettroni jew il-mikroskopji bl-elettroni ta' skop ġenerali.

k. Tagħmir għall-irfinar tal-wiċċ għall-ipproċessar ta' pjastrini semikondutturi kif ġej:

1. Tagħmir iddisinjat apposta għall-ipproċessar fuq wara ta' wafers irqaq minn 100 μm u s-separazzjoni sussegwenti tagħhom; jew

2. Tagħmir iddisinjat apposta biex tinkiseb il-ħruxija tal-wiċċ attiv ta' wafer ipproċessata b'valur ta' żewġ sigma ta' 2 μm jew inqas, skont il-qari tal-indikatur totali (total indicator reading, TIR);

Nota: X.B.I.001.b.1.k ma jikkontrollax tagħmir ta' rrumblar u illustrar fuq naħa waħda għall-irfinar tal-wiċċ tal-pjastrini.

l. Tagħmir ta’ interkonnessjoni li jinkludi kmamar b’vakwu singoli jew multipli komuni ddisinjat apposta li jippermetti l-integrazzjoni ta’ kwalunkwe tagħmir ikkontrollat minn X.B.I.001 f’sistema sħiħa;

m. Tagħmir “ikkontrollat minn programm maħżun” li juża ‘lasers’ għat-tiswija jew it-tirqim ta’ ‘ċirkwiti integrati monolitiċi’ b’waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Akkuratezza tal-pożizzjonament ta’ inqas minn ± 1 μm; jew

2. Daqs tat-tikka (wisa tal-qalba) inqas minn 3 μm.

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.B.I.001.b.1, “il-pulverizzazzjoni katodika” hija proċess ta’ kisi fejn joni ċċarġjati pożittivament jiġu aċċellerati b’kamp elettriku lejn il-wiċċ ta’ bersall (materjal tal-kisi). L-enerġija kinetika tal-joni tal-impatt hija biżżejjed biex tikkawża li l-atomi tal-wiċċ fil-mira jiġu rilaxxati u ddepożitati fuq is-sottostrat. (Nota: Il-pulverizzazzjoni bit-trijodu, il-manjetron jew bi frekwenza tar-radju sabiex tiżdied l-adeżjoni tal-kisja u r-rata ta’ depożizzjoni huma modifiki ordinarji tal-proċess.)

2. Maskri, sottostrati tal-maskri, tagħmir li jagħmel il-maskri u tagħmir għat-trasferiment tal-immaġini għall-manifattura ta' apparati u komponenti kif speċifikat fl-intestatura ta' X.B.I.001, kif ġej:

Nota: It-terminu maskri jirreferi għal dawk użati fil-litografija b'raġġ ta' elettroni, fil-litografija bir-raġġi X, u fil-litografija ultravjola, kif ukoll fil-fotolitografija ultravjola u viżibbli tas-soltu.

a. Maskri lesti, retikoli u disinji għalihom, minbarra:

1. Maskri jew retikoli lesti għall-produzzjoni ta' ċirkwiti integrati mhux ikkontrollati minn 3A001[5]; jew

2. Maskri jew retikoli, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

a. L-għamla tagħhom tkun ibbażata fuq ġeometriji ta' 2,5 μm jew aktar; u

b. L-għamla ma tinkludix karatteristiċi speċjali li jbiddlu l-użu maħsub permezz ta' tagħmir tal-produzzjoni jew 'software';

[5] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

b. Sottostrati tal-maskri kif ġej:

1. “Sottostrati” (pereż. ħġieġ, kwartz, żafir) miksija bil-wiċċ iebes (pereż. kromju, siliċju, molibdenu) għall-preparazzjoni ta’ maskri b’dimensjonijiet li jaqbżu l-125 mm x 125 mm; jew

2. Sottostrati ddisinjati apposta għal maskri tar-raġġi-X;

c. Tagħmir, għajr kompjuters għal użu ġenerali, iddisinjat apposta għat-tfassil megħjun mill-kompjuter (computer aided design - CAD) ta’ apparat semikonduttur jew ċirkwiti integrati;

d. Tagħmir jew magni, kif ġej, għal maskri jew fabbrikazzjoni ta’ reċidimenti:

1. Kameras fotoottiċi li jaħdmu b’repetizzjoni f’sekwenza li kapaċi jipproduċu matriċijiet akbar minn 100 mm x 100 mm, jew kapaċi jipproduċu espożizzjoni waħda akbar minn 6 mm x 6 mm fil-pjan tal-immaġni (jiġifieri, fokali), jew kapaċi jipproduċu wisa’ tal-linja ta’ inqas minn 2,5 μm fil-fotoreżistenza fuq is-‘sottostrat’;

2. Tagħmir ta’ fabbrikazzjoni ta’ maskri jew ta’ retikoli li jużaw litografija b’raġġ ta’ jone jew “laser” li kapaċi tipproduċi wisa’ tal-linja ta’ inqas minn 2,5 μm; jew

3. Tagħmir jew holders għall-alterazzjoni ta’ maskri jew retikoli jew iż-żieda ta’ pellikoli biex jitneħħew id-difetti;

Nota: X.B.I.001.b.2.d.1 u b.2.d.2 ma jikkontrollawx tagħmir ta’ fabbrikazzjoni ta’ maskri bl-użu ta’ metodi fotoottiċi li jew kien kummerċjalment disponibbli qabel l-1 ta’ Jannar 1980, jew għandu prestazzjoni mhux aħjar minn tagħmir bħal dan.

e. Tagħmir “ikkontrollat minn programm maħżun” għall-ispezzjoni ta’ maskri, retikoli jew pellikoli bi:

1. Riżoluzzjoni ta’ 0,25 μm jew aktar fina; u

2. Preċiżjoni ta’ 0,75 μm jew aktar fin fuq distanza f’koordinat wieħed jew tnejn ta’ 63,5 mm jew aktar;

Nota: X.B.I.001.b.2.e ma jikkontrollax mikroskopji bl-elettroni tal-iskennjar ta’ skop ġenerali ħlief meta ddisinjati apposta u strumentati għall-ispezzjoni awtomatika tad-disinn.

f. Tagħmir ta’ allinjament u ta’ esponiment għall-produzzjoni tal-wafers bl-użu ta’ metodi fotoottiċi jew bir-raġġi X, pereż. tagħmir litografiku, inkluż kemm tagħmir għat-trasferiment tal-immaġni għall-proġettazzjoni kif ukoll tagħmir li jaħdem b’repetizzjoni f’sekwenza (sekwenza diretta fuq il-wafer) jew ta’ skennjar (skener), li kapaċi jwettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet li ġejjin:

Nota: X.B.I.001.b.2.f ma jikkontrollax it-tagħmir ta’ allinjament u ta’ esponiment għall-kuntatt u għall-prossimità fotoottiċi jew it-tagħmir għat-trasferiment tal-immaġni tal-kuntatt.

1. Produzzjoni ta’ daqs ta’ disinn ta’ inqas minn 2,5 μm;

2. Allinjament bi preċiżjoni aktar fina minn ± 0,25 μm (3 sigma);

3. Kisja bejn magna u oħra mhux akbar ± 0,3 μm; jew

4. Tul ta’ mewġ tas-sors tad-dawl iqsar minn 400 nm;

g. Tagħmir ta’ raġġ ta’ elettroni, raġġ joniku jew raġġi-X għat-trasferiment ta’ immaġni ta’ proġettazzjoni li kapaċi jipproduċi disinji ta’ inqas minn 2,5 μm;

Nota: Għal sistemi ffukati b’raġġi diflettivi (sistemi ta’ kitba diretta), ara X.B.I.001.b.1.j.

h. Tagħmir li juża “lasers” għal kitba diretta fuq wafers li kapaċi jipproduċu disinji ta’ inqas minn 2,5 μm.

3. Tagħmir għall-assemblaġġ ta' ċirkwiti integrati, kif ġej:

   a. Die bonders "ikkontrollati bi programm maħżun" li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

      1. Iddisinjati apposta għal 'ċirkwiti integrati ibridi';

      2. Ċaqlieq X-Y tal-istadju tal-ippożizzjonar li jaqbeż is-37,5 x 37,5 mm; u

      3. Preċiżjoni tat-tqegħid fil-pjan X-Y ta' finezza akbar minn ± 10 μm;

   b. Tagħmir "ikkontrollat minn programm maħżun" għall-produzzjoni ta' rabtiet multipli f'operazzjoni waħda (pereż. bonders taċ-ċomb tar-raġġi, chip carrier bonders, tape bonders);

   c. Siġillaturi semiawtomatiċi jew awtomatiċi tal-kappa sħuna, li fihom il-kappa tissaħħan lokalment għal temperatura ogħla mill-korp tal-pakkett, iddisinjati apposta għall-pakketti ta' mikroċirkwit taċ-ċeramika kkontrollati minn 3A001[6] u li għandhom fluss daqs jew aktar minn pakkett wieħed fil-minuta.

   Nota: X.B.I.001.b.3 ma jikkontrollax l-ispot welders tat-tip ta' reżistenza għal skopijiet ġenerali.

[6] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

4. Filters għal kmamar nodfa li jistgħu jipprovdu ambjent ta' arja b'10 partikoli jew anqas ta' dijametru ta' 0,3 μm jew iżgħar kull 0,02832 m^3 u materjali tal-filter għaliha.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.B.I.001, "ikkontrollat minn programm maħżun" huwa kontroll li juża struzzjonijiet maħżuna f'maħżen elettroniku li proċessur jista' jeżegwixxi sabiex jidderieġi t-twettiq ta' funzjonijiet predeterminati. It-tagħmir jista' jkun "ikkontrollat minn programm maħżun" kemm jekk il-maħżen elettroniku jkun intern kif ukoll jekk ikun estern għat-tagħmir.

X.B.I.002 Tagħmir għall-ispezzjoni jew għall-ittestjar ta' komponenti u materjali elettroniċi, u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalih.

a. Tagħmir iddisinjat apposta għall-ispezzjoni jew l-ittestjar ta' tubi ta' elettroni, elementi ottiċi u komponenti ddisinjati apposta għalihom ikkontrollati minn 3A001[7] jew X.A.I.001;

b. Tagħmir iddisinjat apposta għall-ispezzjoni jew l-ittestjar ta' apparat semikonduttur, ċirkwiti integrati u 'assemblaġġi elettroniċi', kif ġej, u sistemi li jinkorporaw jew li għandhom il-karatteristiċi ta' tali tagħmir:

Nota: X.B.I.002.b jikkontrolla wkoll tagħmir użat jew modifikat għall-użu fl-ispezzjoni jew l-ittestjar ta' apparat ieħor, bħal apparat tal-immaġni, apparat elettro-ottiku, apparat b'mewġ akustiku.

7 Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

1. Tagħmir ta’ spezzjoni “kkontrollat minn programm maħżun” għall-individwazzjoni awtomatika ta’ difetti, żbalji jew kontaminanti ta’ dijametru ta’ 0,6 μm jew inqas f’wafers ipproċessati jew fuqhom, sottostrati, minbarra bordijiet ta’ ċirkwiti jew ċipep stampati, bl-użu ta’ tekniki ottiċi ta’ akkwist tal-immaġni għat-tqabbil tad-disinn;

   Nota: X.B.I.002.b.1 ma jikkontrollax mikroskopji bl-elettroni tal-iskennjar ta’ skop ġenerali ħlief meta ddisinjati apposta u strumentati għall-ispezzjoni awtomatika tad-disinn.

2. Tagħmir ta’ kejl u analiżi ddisinjat apposta “kkontrollat minn programm maħżun”, kif ġej:

   a. Iddisinjati apposta għall-kejl tal-kontenut tal-ossiġenu jew il-karbonju f’materjali semikondutturi;

   b. Tagħmir għall-kejl tal-wisa’ tal-linja b’riżoluzzjoni ta’ 1 μm jew aktar fina;

   c. Strumenti ddisinjati apposta għall-kejl tal-iċċattjar li kapaċi jkejlu devjazzjonijiet miċ-ċatt ta’ 10 μm jew inqas b’riżoluzzjoni ta’ 1 μm jew aktar fina.

3. Tagħmir għall-ittestjar tal-wafers “ikkontrollat minn programm maħżun” li għandu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

   a. Preċiżjoni tal-pożizzjonament aktar fin minn 3,5 μm;

   b. Jista’ jittestja tagħmir li jkollu aktar minn 68 terminal; jew

   c. Jista’ jittestja bi frekwenza ta’ aktar minn 1 GHz;

4. Tagħmir ta’ ttestjar kif ġej:

   a. Tagħmir “ikkontrollat minn programm maħżun” iddisinjat apposta għall-ittestjar ta’ apparat semikonduttur diskret u dadi mhux inkapsulati, li kapaċi jittestja fi frekwenzi ta’ aktar minn 18-il GHz;

   Nota Teknika: Apparati semikondutturi diskreti jinkludu fotoċelloli u ċelloli solari.

   b. Tagħmir “ikkontrollat bi programm maħżun” iddisinjat apposta għall-ittestjar ta’ ċirkwiti integrati u ‘assemblaġġi elettroniċi’ tagħhom, li kapaċi jwettqu testijiet funzjonali:

      1. B’“rata tad-disinn” ta’ aktar minn 20 MHz; jew

2. B’“rata tad-diżinn” ta’ aktar minn 10 MHz iżda mhux aktar minn 20 MHz u kapaċi jittestja pakketti ta’ aktar minn 68 terminali.

Noti: X.B.I.002.b.4.b. ma jikkontrollax tagħmir ta' kontroll iddisinnjat b'mod speċjali għall-ittestjar:

1. Memorji;

2. Assemblaġġi jew klassi ta’ “assemblaġġi elettroniċi” għal applikazzjonijiet fid-dar u għad-divertiment; u

3. Komponenti elettroniċi, ‘assemblaġġi elettroniċi’ u ċirkwiti integrati mhux ikkontrollati minn 3A001[8] jew X.A.I.001 sakemm dan it-tagħmir tal-ittestjar ma jinkorporax faċilitajiet tal-kompjuter bi ‘programmabbiltà aċċessibbli għall-utent’.

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.B.I.002.b.4.b, “rata tad-diżinn” hija definita bħala l-frekwenza massima tal-operazzjoni diġitali ta’ apparat li jittestja. Għalhekk huwa ekwivalenti għall-ogħla rata ta’ data *li apparat li jittestja jista’ jipprovdi f’modalità mhux multiplessa. Tissejjaħ ukoll msemmija bħala veloċità tal-ittestjar, frekwenza massima diġitali jew veloċità massima diġitali.*

[8] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

c. Tagħmir iddisinjat apposta għad-determinazzjoni tal-prestazzjoni ta' matriċijiet fuq pjan fokali f'tul ta' mewġ ta' aktar minn 1 200 nm, li juża kejl "ikkontrollat minn programm maħżun" jew evalwazzjoni megħjuna mill-kompjuter u li għandu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. L-użu ta' dijametri ta' tikek ħfief ta' inqas minn 0,12 mm;

2. Iddisinjati sabiex ikejlu l-parametri tal-prestazzjoni fotosensittivi u sabiex jevalwaw ir-rispons tal-frekwenza, il-funzjoni tat- trasferiment tal-modulazzjoni, l-uniformità tar-responsività jew il- ħoss; jew

3. Iddisinjati għall-evalwazzjoni ta' arranġamenti li kapaċi joħolqu immaġnijiet b'aktar minn 32 x 32 elementi ta' linja;

5. Sistemi ta' ttestjar ta' raġġ ta' elettroni ddisinjati għal tħaddim fi 3 keV jew inqas, jew sistemi ta' raġġ ta' 'laser', għal probing nonkuntattiv ta' apparati semikondutturi motorizzati li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

a. Kapaċità stroboskopika bi travu blanking jew b'tefgħa tad-ditekter;

b. Spettrometru tal-elettroni għall-kejl tal-vultaġġ b'riżoluzzjoni ta' inqas minn 0,5 V; jew

c. Tagħmir tat-testijiet elettriċi għall-analiżi tal-prestazzjoni ta' ċirkwiti integrati;

Nota: X.B.I.002.b.5 ma jikkontrollax mikroskopji bl-elettroni tal-iskennjar, ħlief meta ddisinjati apposta u mgħammra għall-kontroll mingħajr kuntatt ta' apparat semikonduttur enerġizzat.

6. Sistemi ta' raġġi joniċi ffukati multifunzjonali "kkontrollati minn programm maħżun" iddisinjati apposta għall-manifattura, it-tiswija, l-analiżi fiżika tat-tqassim u l-ittestjar ta' maskri jew apparat semikonduttur u li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

a. Preċiżjoni tal-kontroll tal-feedback tal-pożizzjoni tal-bersall sar-raġġ ta' 1 μm jew aktar fin; jew

b. Akkuratezza tal-konverżjoni minn diġitali għal analog li taqbeż it-12-il bit;

7. Sistemi ta’ kejl ta’ partiċelli li jużaw ‘lasers’ iddisinjati għall-kejl tad-daqs u l-konċentrazzjoni ta’ partiċelli fl-arja li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

   a. Kapaċi li jkejlu partikoli ta’ daqs ta’ 0,2 μm jew iżgħar b’rata ta’ fluss ta’ 0,02832 m^3 kull minuta jew aktar; u

   b. Kapaċi jikkaratterizzaw arja nadifa ta’ Klassi 10 jew aħjar.

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.B.I.002, “ikkontrollat minn programm maħżun” huwa kontroll li juża struzzjonijiet maħżuna f’maħżen elettroniku li proċessur jista’ jeżegwixxi sabiex jidderieġi t-twettiq ta’ funzjonijiet predeterminati. It-tagħmir jista’ jkun “ikkontrollat minn programm maħżun” kemm jekk il-maħżen elettroniku jkun intern kif ukoll jekk ikun estern għat-tagħmir.

X.B.I.003 Tagħmir għall-manifattura ta’ bords ta’ ċirkwit stampat (PCB) u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalih, kif ġej:

a. Tagħmir għall-ipproċessar tal-films;

b. Tagħmir għall-applikazzjoni ta’ kisja reżistenti għall-issaldjar;

c. Tagħmir tal-plotter tar-ritratti;

d. Tagħmir għall-kisi tal-ipplejtjar jew tal-elettroplejtjar;

e. Kmamar u preses tal-vakwu;

f. Laminaturi bir-rombli;

g. Tagħmir ta’ allinjament; jew

h. Tagħmir tal-inċiżjoni.

X.B.I.004 Tagħmir ta’ spezzjoni ottika awtomatizzata għall-ittestjar ta’ bords ta’ ċirkwit stampat (PCBs), ibbażati fuq sensuri ottiċi jew elettriċi, u li kapaċi jindividwaw kwalunkwe wieħed mid-difetti fil-kwalità li ġejjin:

a. L-ispazjar, l-erja, il-volum jew l-għoli;

b. Bill boarding;

c. Komponenti (preżenza, assenza, qlib, spostament, polarità, jew koeffiċjent ta' assimetrija);

d. Saldatura (pontijiet, ġonot insuffiċjenti tas-saldatura);

e. Leads (pejst insuffiċjenti, lifting);

f. Tombstoning; jew

g. Elettriku (xorts, ftuħ, reżistenza, kapaċitanza, enerġija, prestazzjoni tal-grilja).

X.C.I.001 Materjali fotosensittivi pożittivi ddisinjati għal-litografija tas-semikondutturi aġġustati apposta (ottimizzati) għall-użu f'tul ta' mewġ ta' bejn 370 u 193 nm.

X.C.I.002 Kimiċi u materjali tat-tip użati fil-produzzjoni tal-bords ta' ċirkwit stampat (PCBs), kif ġej:

a. Sottostrati komposti tal-PCB magħmulin mill-fibra tal-ħġieġ jew mill-qoton (pereż. FR-4, FR-2, FR-6, CEM-1, G-10, eċċ.);

b. Sottostrati ta' PCB b'diversi saffi, li fihom mill-inqas saff wieħed ta' xi wieħed mill-materjali li ġejjin:

1. Aluminju;

2. Politetrafluworoetilen (PTFE); jew

3. Materjali taċ-ċeramika (pereż. alumina, ossidu tat-titanju, eċċ.);

c. Sustanzi kimiċi ta’ inċiżjoni;

1. Klorur ferriku (7705-08-0);

2. Klorur kupriku (7447-39-4);

3. Persulfat tal-ammonju (7727-54-0);

4. Persulfat tas-sodju (7775-27-1); jew

5. Preparazzjonijiet kimiċi mfasslin apposta għall-inċiżjoni u li fihom xi waħda mill-kimiċi inklużi f’X.C.I.002.c.1 sa X.C.I.002.c.4.

Nota: X.C.I.002.c ma jikkontrollax “taħlitiet kimiċi” li fihom wieħed jew aktar mis-sustanzi kimiċi speċifikati fl-entrati X.C.I.002.c. fejn l-ebda sustanza kimika speċifikata individwalment ma tikkostitwixxi aktar minn 10 % tal-piż tat-taħlita.

d. Fojl tar-ram b’purità minima ta’ 95 % u bi ħxuna ta’ inqas minn 100 μm;

e. Sustanzi polimeriċi u films tagħhom ta’ ħxuna inqas minn 0,5 mm, kif ġej:

1. Polimidi aromatiċi;

2. Parileni;

3. Benżoċiklobuteni (BCBs); jew

4. Polibenżossażoli.

X.D.I.001 "Software" iddisinjat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' apparat elettroniku, jew komponenti kkontrollati minn X.A.I.001, tagħmir elettroniku bi skop ġenerali kkontrollat minn X.A.I.002, jew tagħmir tal-manifattura u tal-ittestjar ikkontrollat minn X.B.I.001 u X.B.I.002; jew "software" iddisinjat apposta għall-"użu" ta' tagħmir ikkontrollat minn 3B001.g u 3B001.h[9].

X.D.I.002 "Software" ddisinjat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" tal-bords ta' ċirkwiti stampati (PCBs).

X.E.I.001 "Teknoloġija" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' apparat elettroniku, jew komponenti kkontrollati minn X.A.I.001, tagħmir elettroniku bi skop ġenerali kkontrollat minn X.A.I.002, jew tagħmir tal-manifattura u tal-ittestjar ikkontrollat minn X.B.I.001 jew X.B.I.002, jew materjali kkontrollati minn X.C.I.001.

X.E.I.002 "Teknoloġija" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' bords ta' ċirkwiti stampati (PCBs).

Kategorija II – Kompjuters

Nota: Il-Kategorija II ma tikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

X.A.II.001 Kompjuters, "assemblaġġi elettroniċi" u tagħmir relatat, mhux ikkontrollati minn 4A001 jew 4A003[10], u komponenti ddisinjati apposta għalihom.

[9] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.
[10] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

Nota: L-istatus ta' kontroll tal-'kompjuters diġitali' u t-tagħmir relatat deskritt f'X.A.II.001 huwa ddeterminat mill-istatus ta' kontroll ta' tagħmir jew sistemi oħra sakemm:

a. *Il-"kompjuters diġitali" jew tagħmir relatat huma essenzjali għat-tħaddim tat-tagħmir jew is-sistemi l-oħrajn;*

b. *Il-"kompjuters diġitali" jew tagħmir relatat mhumiex "element prinċipali" tat-tagħmir jew is-sistemi l-oħrajn; u*

N.B.1: L-istatus tal-kontroll ta' "proċessuri ta' sinjali" jew tagħmir għat-"titjib tal-kwalità tal-immaġni" li jkun iddisinjat speċifikament għal tagħmir ieħor b'funzjonijiet limitati għal dawk meħtieġa għat-tagħmir l-ieħor huwa determinat mill-istatus tal-kontroll tat-tagħmir l-ieħor anke jekk dan jaqbeż il-kriterju tal-"element prinċipali".

N.B.2: Għall-istatus ta' kontroll ta' "kompjuters diġitali" jew tagħmir relatat għal tagħmir tat-telekomunikazzjoni, ara l-Kategorija 5, Parti 1 (Telekomunikazzjonijiet)[11].

c. *It-"teknoloġija" għall-"kompjuters diġitali" u t-tagħmir relatat hija determinata minn 4E*[12].

[11] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.
[12] Ref. L-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

a. Kompjuters elettroniċi u tagħmir relatat, u "assemblaġġi elettroniċi" u komponenti ddisinjati apposta għalihom, klassifikati biex jitħaddmu f'temperatura ambjentali ogħla minn 343 K (70 °C);

b. "Kompjuters diġitali", inkluż tagħmir ta' "proċessar tas-sinjali" jew titjib tal-immaġni, li għandhom "L-ogħla Prestazzjoni Aġġustata" ("APP") ta' 0,0128 TeraFLOPS Ponderati (WT) jew aktar;

c. "Assemblaġġi elettroniċi" li huma ddisinjati apposta jew modifikati sabiex itejbu l-prestazzjoni permezz tal-aggregazzjoni ta' proċessuri, kif ġej:

1. Iddisinjati sabiex ikunu kapaċi jaggregaw f'konfigurazzjonijiet ta' 16-il proċessur jew aktar;

2. Mhux użat;

Nota 1: X.A.II.001.c japplika biss għal "assemblaġġi elettroniċi" u interkonnessjonijiet programmabbli b'"APP" li ma jaqbżux il-limiti f'X.A.II.001.b, meta mibgħuta bħala "assemblaġġi elettroniċi" mhux integrati. Ma japplikax għal "assemblaġġi elettroniċi" limitati min-natura tad-disinn tagħhom għall-użu bħala tagħmir relatat ikkontrollat minn X.A.II.001.k.

Nota 2: X.A.II.001.c ma jikkontrolla l-ebda 'assemblaġġ elettroniku' ddisinjat apposta għal prodott jew familja ta' prodotti li l-konfigurazzjoni massima tagħhom ma taqbiżx il-limiti ta' X.A.II.001.b.

d. Mhux użat;

e. Mhux użat;

f. Tagħmir għall-"ipproċessar tas-sinjali" jew it-"titjib tal-immaġni" li għandhom "L-ogħla Prestazzjoni Aġġustata" ("APP") ta' 0,0128 TeraFLOPS Ponderati (WT) jew aktar;

g. Mhux użat;

h. Mhux użat;

i. Tagħmir li fih "tagħmir terminali ta' interfaċċa" li jaqbeż il-limiti f'X.A.III.101;

*Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.II.001.i, "tagħmir terminali tal-interfaċċa" tfisser tagħmir li fih l-informazzjoni tidħol jew toħroġ mis-sistema tat-telekomunikazzjoni, pereżempju telefown, apparat tad-*data*, kompjuter, eċċ.*

j. Tagħmir iddisinjat apposta sabiex jipprovdi interkonnessjoni esterna ta' 'kompjuters diġitali' jew tagħmir assoċjat li jippermetti komunikazzjonijiet b'rati ta' *data* li jaqbżu t-80 Mbyte/s.

Nota: X.A.II.001.j. ma jikkontrollax tagħmir għal interkonnessjoni interna (pereżempju, pannelli ta' wara, buses), tagħmir għal interkonnessjoni passiva, "kontrolluri tal-aċċess għan-network" jew "kontrolluri ta' kanali ta' komunikazzjoni".

Nota Teknika: Għall-finijiet ta' X.A.II.001.j il-"kontrolluri tal-kanal ta' komunikazzjoni" huma l-interfaċċa fiżika li tikkontrolla l-fluss tal-informazzjoni diġitali sinkronika jew asinkronika. Huwa assemblaġġ li jista' jkun integrat fil-kompjuter jew fit-tagħmir ta' telekomunikazzjoni sabiex jipprovdi aċċess għall-komunikazzjoni.

k. ‘Kompjuters ibridi’ u ‘assemblaġġi elettroniċi’ u komponenti ddisinjati apposta għalihom li fihom konvertituri analogi-diġitali li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. 32 kanal jew iktar; u

2. Riżoluzzjoni ta’ 14-il bit (plus sign bit) jew aktar b’rata ta’ konverżjoni ta’ 200 000 Hz jew aktar.

X.D.II.001 “Programm” ta’ prova u “software” ta’ validazzjoni , “software” li jippermetti l-ġenerazzjoni awtomatika ta’ “kodiċijiet tas-sors”, u “software” tas-sistema operattiva li huma ddisinjati apposta għal tagħmir ta’ “proċessar f’ħin reali.

a. “Programm” ta’ prova u “software” ta’ validazzjoni li jużaw tekniki matematiċi u analitiċi u ddisinjat jew modifikat għal “programmi” b’aktar minn 500 000 struzzjoni tal-“kodiċi tas-sors”;

b. “Software” li jippermetti l-ġenerazzjoni awtomatika ta’ “kodiċijiet tas-sors” minn *data* miksuba online minn sensuri esterni deskritti fir-Regolament (UE) 2021/821; jew

c. “Software” tas-sistema operattiva ddisinjat apposta għal tagħmir ta’ “proċessar f’ħin reali” li jiggarantixxi “ħin ta’ latenza ta’ interruzzjoni globali” ta’ inqas minn 20 μs.

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.D.II.001, “Ħin ta’ latenza għall-interruzzjonijiet globali” huwa l-ħin meħud mis-sistema tal-kompjuter biex tirrikonoxxi interruzzjoni minħabba s-sitwazzjoni, tħaddem l-interruzzjoni u twettaq bidla tal-kuntest għal kompitu alternattiv residenti fil-memorja waqt li tistenna fl-interruzzjoni.

X.D.II.002 “Software” għajr dak ikkontrollat f’4D001[13] iddisinjat apposta jew modifikat għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn 4A101[14].

X.E.II.001 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.II.001, jew “software” kkontrollat minn X.D.II.001 jew X.D.II.002.

X.E.II.002 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ tagħmir iddisinjat għall-“ipproċessar ta’ flussi multipli ta’ *data*”.

[13] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.
[14] Ref. L-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

*Nota Teknika: Għall-finijiet ta' X.E.II.002, "l-ipproċessar ta' multiflussi tad-*data*" huwa mikroprogramm jew it-teknika tal-arkitettura tat-tagħmir li tippermetti l-ipproċessar simultanju ta' żewġ sekwenzi tad-*data *jew iktar taħt il-kontroll ta' wieħed mis-sekwenzi tal-istruzzjonijiet jew iktar b'dawn il-mezzi:*

1. *Arkitetturi* b'Data *Multipla b'Istruzzjoni Waħda (Single Instruction Multiple* Data*, SIMD) bħalma huma l-proċessuri vetturi jew bil-matriċi;*

2. *Arkitetturi Multipli b'*Data *Multipla b'Istruzzjoni Waħda (Multiple Single Instruction Multiple* Data*, MSIMD);*

3. *Arkitetturi b'*Data *Multipla b'Istruzzjonijiet Multipli (Multiple Instruction Multiple* Data*, MIMD), li jinkludu dawk li huma akkopjati, akkopjati mill-qrib jew akkopjati b'mod mhux fiss; jew*

4. *Arranġamenti strutturati tal-elementi tal-ipproċessar li jinkludu l-arranġamenti sistoliċi.*

Il-Kategorija III. Parti 1 – Telekomunikazzjoni

Nota: Il-Kategorija III, il-Parti 1 ma tikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

X.A.III.101 Tagħmir tat-telekomunikazzjoni.

a. Kwalunkwe tip ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni, mhux ikkontrollat minn 5A001.a[15], iddisinjat speċikament biex jaħdem barra mill-firxa ta' temperaturi minn 219-il K (–54 °C) sa 397 K (124 °C).

b. Tagħmir u sistemi għat-trażmissjoni tat-telekomunikazzjoni, u komponenti u aċċessorji ddisinjati b'mod speċjali għalihom, li jkollhom kwalunkwe mill-karatteristiċi, funzjonijiet jew kwalitajiet li ġejjin:

Nota: Tagħmir ta' trażmissjoni tat-telekomunikazzjoni.

a. Ikkategorizzati kif ġej, jew b'dawn il-kombinazzjonijiet:

1. Tagħmir tar-radju (pereż. trażmettituri, riċevituri u riċetrażmettituri);

2. Tagħmir terminali tal-linja;

3. Tagħmir ta' amplifikazzjoni intermedja;

4. Tagħmir ripetitur;

5. Tagħmir ta' riġenerazzjoni;

6. Kodifikaturi tat-traduzzjoni (tat-transkowdjar);

[15] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

7. *Tagħmir multiplex (inkluż il-mutiplex statistiku);*

8. *Modulaturi/demodulaturi (modems);*

9. *Tagħmir Transmultiplex (ara CCITT Rec. G701);*

10. *Tagħmir ta' interkonnessjoni diġitali "ikkontrollat minn programm maħżun";*

11. *"Gateways" u pontijiet;*

12. *"Unitajiet ta' aċċess għall-media"; u*

b. *Iddisinjati għall-użu f'komunikazzjoni b'kanal wieħed jew b'diversi kanali permezz ta' xi karatteristika minn dawn li ġejjin:*

1. *Wajer (linja);*

2. *Cable koassjali;*

3. *Cable tal-fibra ottika;*

4. *Radjazzjoni elettromanjetika; jew*

5. *Propagazzjoni ta' mewġ akustiku taħt wiċċ l-ilma.*

1. L-użu ta’ tekniki diġitali, inkluż l-ipproċessar diġitali ta’ sinjali analogi, u ddisinjati biex joperaw b’“rata ta’ trasferiment diġitali” fl-ogħla livell multiplex li jaqbeż il-45 Mbit/s jew ir-“rata ta’ trasferiment diġitali totali” li taqbeż id-90 Mbit/s;

   Nota: X.A.III.101.b.1 ma jikkontrollax tagħmir iddisinjat apposta sabiex jiġi integrat u operat fi kwalunkwe sistema satellitari għall-użu ċivili.

2. Modems li jużaw il-“wisa’ tal-banda ta’ kanal vokali wieħed” b’“rata ta’ sinjalar tad-*data*” ta’ aktar minn 9 600 bit fis-sekonda;

3. Li jkunu tagħmir ta’ interkonnessjoni diġitali “ikkontrollat minn programm maħżun” b’“rata ta’ trasferiment diġitali” ta’ aktar minn 8,5 Mbit/s għal kull port.

4. Li jkun tagħmir li fih xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

   a. “Kontrolluri tal-aċċess għan-network” u l-mezz komuni relatat tagħhom li għandhom “rata ta’ trasferiment diġitali” ta’ aktar minn 33 Mbit/s; jew

   b. “Kontrolluri tal-kanali ta’ komunikazzjoni” b’output diġitali li jkollu “rata ta’ sinjalar tad-*data*” ta’ aktar minn 64 000 bit/s għal kull kanal;

Nota: Meta xi tagħmir mhux ikkontrollat ikun fih 'kontrollur tal-aċċess għan-network', dan ma jista' jkollu l-ebda tip ta' interfaċċa tat-telekomunikazzjoni, ħlief dawk deskritti f'X.A.III.101.b.4, iżda mhux ikkontrollati minnu.

5. Li jużaw "laser" u li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

   a. Tul ta' mewġa tat-trażmissjoni li taqbeż l-1 000 nm; jew

   b. Juża metodi analogi u għandu wisa' tal-banda ogħla minn 45 MHz;

   c. Juża metodi ta' trażmissjoni ottika koerenti jew individwazzjoni ottika koerenti (imsejħin ukoll metodi ottiċi eterodini jew omodini);

   d. Li jużaw tekniki ta' multiplexing bid-diviżjoni ta' tul il-mewġa; jew

   e. Li jeżegwixxu "amplifikazzjoni ottika';

6. Tagħmir tar-radju li jopera fi frekwenzi ta' input jew ta' output li jaqbżu:

   a. 31 GHz għal applikazzjonijiet ta' stazzjon terrestri tal-komunikazzjoni bis-satelliti; jew

   b. 26,5 GHz għal applikazzjonijiet oħra;

   Nota: X.A.III.101.b.6 ma jikkontrollax it-tagħmir għall-użu ċivili meta jikkonforma ma' banda allokata tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (International Telecommunications Union, ITU) bejn is-26,5 GHz u l-31 GHz.

7. Li jkunu tagħmir tar-radju li fih xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

   a. Tekniki tal-Modulazzjoni tal-Amplitudni fi kwadratura (Quadrature-amplitude-modulation, QAM) aktar mil-livell 4 jekk ir-"rata ta' trasferiment diġitali totali" taqbeż it-8,5 Mbit/s;

   b. Tekniki tal-QAM ogħla mil-livell 16 jekk ir-"rata ta' trasferiment diġitali totali" tkun daqs jew inqas minn 8,5 Mbit/s;

   c. Tekniki ta' modulazzjoni diġitali oħrajn u li għandhom "effiċjenza spettrali" ta' aktar minn 3 bit/s/Hz; jew

   d. Jopera fil-medda minn 1.5 MHz sa 87.5 MHz u jinkorpora metodi adattivi li jipprovdu trażżin ta' aktar minn 15 dB ta' sinjal ta' interferenza.

   Noti:

   1. X.A.III.101.b.7 ma jikkontrollax tagħmir iddisinjat apposta sabiex jiġi integrat u operat fi kwalunkwe sistema satellitari għall-użu ċivili.

2. *X.A.III.101.b.7 ma jikkontrollax it-tagħmir b'relay tar-radju għat-tħaddim f'banda allokata tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (International Telecommunications Union, ITU):*

   a. *Li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej:*

      1. *Mhux aktar minn 960 MHz; jew*

      2. *B'"rata ta' trasferiment diġitali totali" ta' mhux aktar minn 8,5 Mbit/s; u*

   b. *Li jkollhom "effiċjenza spettrali" ta' mhux aktar minn 4 bit/s/Hz.*

c. Tagħmir għall-iswiċċjar "ikkontrollat minn programm maħżun" u sistemi ta' sinjalar relatati, li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi, funzjonijiet jew elementi li ġejjin, u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalihom:

Nota: Multiplexers statistiċi b'input diġitali u output diġitali li jipprovdu swiċċjar huma ttrattati bħala swiċċjar "ikkontrollat minn programm maħżun".

1. Tagħmir jew sistemi tal-"iswiċċjar tad-*data* (tal-messaġġi)" iddisinjati għal "operazzjoni bil-modalità tal-pakketti", assemblaġġi elettroniċi u komponenti tagħhom, ħlief dawk speċifikati fil-Lista Militari Komuni (CML) jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

2. Mhux użat;

3. L-għażla ta' rotot jew l-iswiċċjar ta' pakketti tad-"datagramma";

   Nota: X.A.III.101.c.3 ma jikkontrollax networks ristretti li jużaw biss il-"kontrolluri tal-aċċess għan-network" jew għall-"kontrolluri tal-aċċess għan-network" infushom.

4. Mhux użat;

5. Prijorità f'diversi livelli u prelazzjoni għall-iswiċċjar taċ-ċirkwit;

   Nota: X.A.III.101.c.5 ma jikkontrollax il-prelazzjoni ta' telefonata b'livell wieħed.

6. Iddisinjati għat-trasferiment awtomatiku ta' telefonati bir-radju ċellulari lejn swiċċijiet ċellulari oħra jew għal konnessjoni awtomatika ma' bażi ta' *data* ċentralizzata tal-abbonati komuni għal aktar minn swiċċ wieħed;

7. Li jkollhom tagħmir ta' interkonnessjoni diġitali "ikkontrollat minn programm maħżun" b'"rata ta' trasferiment diġitali" ta' aktar minn 8,5 Mbit/s għal kull port.

8. "Sinjalar b'kanali komuni" li jaħdem f'modalità ta' tħaddim mhux assoċjata jew kważi assoċjata;

9. "L-għażla ta' rotot adattivi dinamiċi";

10. Billi jseħħ swiċċjar tal-pakketti, l-iswiċċijiet taċ-ċirkwit u r-rotot b'portijiet jew b'linji li jaqbżu xi karatteristika minn dawn li ġejjin:

    a. Ir-"rata ta' sinjalar tad-*data*" ta' 64 000 bit/s għal kull kanal għal "kontrollur tal-kanal ta' komunikazzjoni"; jew

    Nota: X.A.III.101.c.10.a ma jikkontrollax links komposti multiplex magħmula biss minn kanali ta' komunikazzjoni mhux ikkontrollati individwalment minn X.A.III.101.b.1.

    b. "Rata ta' trasferiment diġitali" ta' 33 Mbit/s għall-"kontrollur tal-aċċess għan-network" u l-media komuni relatata;

    Nota: X.A.III.101.c.10 ma jikkontrollax l-iswiċċjar tal-pakketti jew routers b'portijiet jew linji li ma jaqbżux il-limiti f'X.A.III.101.c.10.

11. “Swiċċjar ottiku”;

12. Li juża t-tekniki tal-“modalità ta’ trasferiment asinkronika” (“ATM”).

d. Fibri ottiċi u kejbils fibrottiċi b’tul ta’ aktar minn 50 m iddisinjati għall-operat b’modalità waħda;

e. Il-kontroll ċentralizzat tan-network li għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. Jirċievi *data* min-nodi; u

2. Jipproċessa din id-*data* sabiex jipprovdi l-kontroll tat-traffiku li ma jirrikjedix id-deċiżjoni tal-operatur, u b’hekk isseħħ l-“għażla ta’ rotot adattivi dinamiċi”;

Nota 1: X.A.III.101.e ma jinkludix każijiet ta’ deċiżjonijiet ta’ routing meħuda fuq informazzjoni predefinita.

Nota 2: X.A.III.101.e ma jipprekludix il-kontroll tat-traffiku bħala funzjoni tal-kundizzjonijiet tat-traffiku statistiċi prevedibbli.

f. Antenni b’arranġament f’fażijiet, li joperaw ’il fuq minn 10,5 GHz, li fihom elementi attivi u komponenti distribwiti, u ddisinjati biex jippermettu kontroll elettroniku tal-iffurmar u l-ippuntar tar-raġġi, minbarra għas-sistemi ta’ nżul bi strumenti li jissodisfaw l-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (International Civil Aviation Organization, ICAO) (sistemi tal-illendjar bl-użu ta’ microwaves (microwave landing systems, MLS));

g. Tagħmir ta' komunikazzjoni mobbli ħlief dawk speċifikati fil-Lista Militari Komuni (CML) jew fir-Regolament (UE) 2021/821, assemblaġġi elettroniċi u komponenti tagħhom; jew

h. Tagħmir ta' komunikazzjoni b'relay tar-radju ddisinjat għall-użu fi frekwenzi daqs jew aktar minn 19,7-il GHz u l-komponenti għalih, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.III.101:

1) Il-"modalità ta' trasferiment asinkronika" ("ATM") hija modalità ta' trasferiment li fiha l-informazzjoni tkun organizzata f'ċelloli; hija asinkrona fis-sens li r-rikorrenza taċ-ċelloli tiddependi fuq ir-rata ta' bits meħtieġa jew istantanja.

*2) Il-"wisa' tal-banda ta' kanal vokali wieħed" hija tagħmir għall-komunikazzjoni tad-*data *mfassal biex jopera f'kanal vokali wieħed ta' 3 100 Hz, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tas-CCITT G.151.*

3) Il-"kontrollur tal-kanal ta' komunikazzjoni" huwa l-interfaċċa fiżika li tikkontrolla l-fluss tal-informazzjoni diġitali sinkronika jew asinkronika. Huwa assemblaġġ li jista' jkun integrat fil-kompjuter jew fit-tagħmir ta' telekomunikazzjoni sabiex jipprovdi aċċess għall-komunikazzjoni.

4) *Id-"datagramma" hija entità awtonoma u indipendenti tad-*data *li ġġorr biżżejjed informazzjoni biex tgħaddi mis-sors lejn it-tagħmir terminali tad-*data *fid-destinazzjoni mingħajr dipendenza fuq skambji aktar bikrija bejn dan is-sors u t-tagħmir terminali tad-*data *fid-destinazzjoni u n-network tat-trasport.*

5) *L-"għażla rapida" hija faċilità applikabbli għas-sejħiet virtwali li tippermetti li t-tagħmir terminali tad-*data *jespandi l-possibbiltà li jittrażmetti d-*data *f'konfigurazzjoni telefonika u jikklerja "pakketti" lil hinn mill-kapaċitajiet bażiċi ta' telefonata virtwali.*

6) *Il-"gateway" hija l-funzjoni li titwettaq minn kwalunkwe kombinazzjoni ta' tagħmir u "software", biex il-konvenzjonijiet għar-rappreżentazzjoni, l-ipproċessar jew il-komunikazzjoni tal-informazzjoni użati f'sistema jiġu kkonvertiti għall-konvenzjonijiet korrispondenti, iżda differenti, użati f'sistema oħra.*

7) *In-"Network Diġitali bis-Servizzi Integrati" (Integrated Services Digital Network, ISDN) huwa network diġitali unifikat minn tarf sa tarf, li fih id-*data *li toriġina minn kull tip ta' komunikazzjoni (pereżempju. vuċi, test,* data*, stampi fissi u mobbli) tiġi trażmessa minn port wieħed (terminal) fl-iskambju (il-qlib) fuq linja ta' aċċess waħda lejn abbonat u mill-abbonat.*

8) *Il-"pakkett" huwa grupp ta' ċifri binarji li jinkludi sinjali ta' kontroll tad-*data *u tat-telefonati li jinqaleb bħala unità komposta. Id-*data*, is-sinjali ta' kontroll tat-telefonati, u l-informazzjoni possibbli dwar il-kontroll tal-iżbalji huma organizzati f'format speċifiku.*

9) "Sinjalar b'kanali komuni" tfisser it-trażmissjoni ta' informazzjoni ta' kontroll (sinjalar) permezz ta' kanal separat minn dak użat għall-messaġġi. Il-kanal tas-sinjalar normalment ikun jikkontrolla l-kanali tal-messaġġi multipi.

10) "Rata ta' data *tas-sinjalar" tfisser ir-rata, kif definita fir-Rakkomandazzjoni tal-ITU 53-36, filwaqt li jitqiesu, fil-każ ta' modulazzjoni mhux binarja, li l-baud u l-bit fis-sekonda mhumiex ugwali. Għandhom jiġu inklużi bits għall-funzjonijiet ta' kodifikar, verifika u sinkronizzazzjoni.*

11) "L-għażla ta' rotot adattivi dinamiċi" tfisser dirottar awtomatiku ta' traffiku fuq il-bażi ta' ssensjar u analiżi ta' kundizzjonijiet tan-network attwali.

12) "Unitajiet ta' aċċess għall-media" tfisser tagħmir li jkun fih interfaċċa tal-komunikazzjoni waħda jew aktar ("kontrollur tal-aċċess għan-network", "kontrollur tal-kanal ta' komunikazzjoni", bus tal-modem jew kompjuter) għall-konnessjoni ta' tagħmir terminali ma' network.

13) L-"effiċjenza spettrali" hija r-"rata ta' trasferiment diġitali" [bits/s] / wisa tal-banda tal-ispettru 6 dB f'Hz.

14) "Ikkontrollat minn programm maħżun" huwa kontroll li juża struzzjonijiet f'ħażna elettronika li proċessur ikun jista' jeżegwixxi sabiex jidderieġi l-prestazzjoni ta' funzjonijiet predeterminati.

Nota: It-tagħmir jista' jkun "ikkontrollat minn programm maħżun" kemm jekk il-maħżen elettroniku jkun intern kif ukoll jekk ikun estern għat-tagħmir.

X.B.III.101 Tagħmir għall-ittestjar tat-telekomunikazzjoni, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.C.III.101 Preforom ta' ħġieġ jew ta' kwalunkwe materjal ieħor ottimizzat għall-manifattura ta' fibri ottiċi kkontrollati minn X.A.III.101.

X.D.III.101 "Software" ddisinjat apposta jew immodifikat għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.III.101 u X.B.III.101, u software għall-għażla ta' rotot adattivi dinamiċi, deskritt kif ġej:

a. "Software", għajr f'forma eżegwibbli b'magni, iddisinjat apposta għall-"għażla ta' rotot adattivi dinamiċi";

b. Mhux użat.

X.E.III.101 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat minn X.A.III.101 jew X.B.III.101, jew “software” kkontrollat minn X.D.III.101, u “teknoloġiji” oħrajn kif ġej:

a. “Teknoloġiji” speċifiċi kif ġej:

1. ‘Teknoloġija’ għall-ipproċessar u l-applikazzjoni ta’ kisjiet għal fibra ottika ddisinjati apposta sabiex jagħmluha adattata għall-użu taħt wiċċ l-ilma;

2. ‘Teknoloġija’ għall-‘iżvilupp’ ta’ tagħmir li juża tekniki tal-‘Ġerarkija Diġitali Sinkronika’ (“SDH”) jew tan-“Network Ottiku Sinkroniku” (“SONET”).

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.E.III.101:

1) Il-“ġerarkija diġitali sinkronika” (Synchronous digital hierarchy, SDH) hija ġerarkija diġitali li tipprovdi mezz għall-ġestjoni, għall-multiplexing, u l-aċċess għal diversi forom ta’ traffiku diġitali bl-użu ta’ format ta’ trażmissjoni sinkronika fuq tipi differenti ta’ media. Il-format huwa bbażat fuq il-Modulu Sinkroniku tat-Trasport (Synchronous Transport Module, STM) li huwa definit mir-Rakkomandazzjoni tas-CCITT G.703, G.707, G.708, G.709 u oħrajn li għad iridu jiġu ppubblikati. Ir-rata tal-ewwel livell tal-“SDH” hija ta’ 155,52 Mbits/s.

2) In-"network ottiku sinkroniku" (Synchronous optical network, SONET) huwa network li jipprovdi mezz għall-ġestjoni, għall-multiplexing, u l-aċċess għal diversi forom ta' traffiku diġitali bl-użu ta' format ta' trażmissjoni sinkronika fuq il-fibra ottika. Il-format huwa l-verżjoni tal-Amerika ta' Fuq tal-"SDH" u juża wkoll il-Modulu Sinkroniku tat-Trasport (STM). Madankollu, juża s-Sinjal Sinkroniku tat-Trasport (STS) bħala l-modulu bażiku tat-trasport b'rata tal-ewwel livell ta' 51,81 Mbits/s. L-istandards tas-SONET qed jiġu integrati f'dawk tal-"SDH".

Il-Kategorija III. Parti 2 - Sigurtà tal-Informazzjoni

Nota: Il-Kategorija III. Parti 2 ma tikkontrollax l-oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

X.A.III.201 It-tagħmir kif ġej:

a. Mhux użat;

b. Mhux użat;

c. Oġġetti kklassifikati taħt il-kriptaġġ tas-suq tal-massa f'konformità man-Nota Kriptografika – in-Nota 3 tal-Kategorija 5, il-Parti 2[16].

[16] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

X.D.III.201 "Software" tas-"Sigurtà tal-Informazzjoni" kif ġej:

*Nota: Din l-entrata ma tikkontrollax "software" ddisinjat jew immodifikat biex jipproteġi kontra ħsara malizzjuża fil-kompjuter, pereż. viruses, fejn l-użu tal-'kriptografija' huwa limitat għall-awtentikazzjoni, il-firma diġitali u/jew id-dekriptaġġ tad-*data *jew tal-fajls.*

a. Mhux użat;

b. Mhux użat;

c. "Software" kklassifikat bħala kriptaġġ tas-suq tal-massa skont in-Nota Kriptografika – in-Nota 3 tal-Kategorija 5, il-Parti 2[17].

X.E.III.201 "Teknoloġija" għas-"Sigurtà tal-Informazzjoni" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, kif ġej:

a. Mhux użat;

b. "Teknoloġija", għajr dik speċifikata fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821 għall-"użu" ta' oġġetti tas-suq tal-massa kkontrollati minn X.A.III.201.c jew "software" tas-suq tal-massa kkontrollat minn X.D.III.201.c.

[17] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

Kategorija IV — Sensuri u Lasers

X.A.IV.001 Tagħmir akustiku marittimu jew terrestri, li kapaċi jindividwa jew jillokalizza oġġetti jew karatteristiċi ta' taħt l-ilma jew jagħti l-pożizzjoni ta' bastimenti tal-wiċċ jew ta' vetturi ta' taħt l-ilma; u komponenti ddisinjati apposta, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.IV.002 Sensuri ottiċi kif ġej:

a. Tubi tal-intensifikazzjoni tal-immaġni u komponenti ddisinjati apposta għalihom, kif ġej:

1. Tubi li jintensifikaw l-immaġni li għandhom dan kollu li ġej:

a. Rispons massimu fil-medda tal-frekwenza ta' aktar minn 400 nm, iżda ta' mhux aktar minn 1 050 nm;

b. Plakka b'mikrokanali għall-amplifikazzjoni tal-immaġni tal-elettroni bl-ispazjar tat-toqob (minn ċentru sa ċentru) ta' inqas minn 25 μm; u

c. Li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej:

1. Fotokatodu S-20, S-25 jew fotokatodu multialkali; jew

2. GaAs jew fotokatodu GaInAs;

2. Pjanċi b'mikrokanali ddisinjati apposta li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

a. 15 000 tubu vojt jew aktar għal kull pjanċa; u

b. L-ispazjar tat-toqob (minn ċentru sa ċentru) ta' inqas minn 25 μm.

b. Tagħmir għall-immaġni ta' viżjoni diretta li jaħdem fl-ispettru viżibbli jew infraaħmar, li jinkorpora tubi li jintensifikaw l-immaġni li jkollhom il-karatteristiċi elenkati f'X.A.IV.002.a.1.

X.A.IV.003 Kameras kif ġej:

a. Kameras li jissodisfaw il-kriterji tan-Nota 3 sa 6A003.b.4.[18];

b. Mhux użat;

[18] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.IV.004 Ottiku kif ġej:

Nota: X.A.IV.004 ma jikkontrollax filtri ottiċi bi spazji fissi tal-arja jew filtri tat-tip Lyot.

a. Filtri ottiċi:

1. Għal tul ta' mewġ itwal minn 250 nm, magħmul minn kisjiet ottiċi b'diversi saffi u li għandhom xi wieħed mill-karattteristiċi li ġejjin:

a. Wisa' tal-banda ugwali għal 1 nm jew inqas ta' wisa' totali b'semintensità (Full Width Half Intensity, FWHI) u l-ogħla trażmissjoni ta' 90 % jew aktar; jew

b. Wisa' tal-banda ugwali għal 0,1 nm jew inqas ta' FWHI, u l-ogħla trażmissjoni ta' 50 % jew aktar;

2. Għal tul ta' mewġ itwal minn 250 nm, u li jkollu dan kollu li ġej:

a. Regolabbli fuq medda spettrali ta' 500 nm jew aktar;

b. Banda passanti ottika istantanja ta' 1,25 nm jew inqas;

c. Tul tal-mewġa riaġġustabbli fi żmien 0,1 ms u għall-preċiżjoni ta' 1 nm jew aħjar fil-medda spettrali regolabbli; u

d. Trażmissjoni massima waħda ta' 91 % jew aktar;

3. Swiċċijiet tal-opaċità ottika (filtri) b'kamp viżiv ta' 30° jew usa' u ħin ta' rispons ta' 1 ns jew inqas;

b. Cable tal-"fibra tal-fluworur", jew tal-fibri ottiċi għalih, li għandu attenwazzjoni ta' inqas minn 4 dB/km fil-medda tal-frekwenza ta' aktar minn 1 000 nm iżda mhux aktar minn 3 000 nm;

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.IV.004b "filtri tal-fluworur" huma fibri manifatturai minn komposti tal-fluworur mhux maħduma.

X.A.IV.005 "Lasers" kif ġej:

a. "Lasers" tad-diossidu tal-karbonju (CO_2) li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:

1. Potenza tal-output ta' CW li taqbeż l-10 kW;

2. Output ta' impulsi b' "durata tal-impuls" ta' aktar minn 10 μs; u

a. Qawwa medja tal-ħruġ ogħla minn 10 kW; jew

b. "Potenza massima" tal-impulsi ta' aktar minn 100 kW; jew

3. Output ta’ impulsi b’ “durata tal-impuls” daqs jew inqas minn 10 μs; u

a. Enerġija tal-impuls ta’ aktar minn 5 J għal kull impuls u l-“potenza massima” ta’ aktar minn 2,5 kW; jew

b. Potenza medja tal-output ogħla minn 2,5 kW;

b. Lasers semikondutturi kif ġej:

1. ‘Lasers’ semikondutturi individwali, b’modalità trasversali waħda li għandhom:

a. Qawwa medja tal-ħruġ ogħla minn 100 mW; jew

b. Tul ta’ mewġa li jaqbeż l-1 050 nm;

2. “Lasers” semikondutturi individwali, b’multimodalitajiet trasversali, jew arranġamenti ta’ “lasers” semikondutturi individwali li għandhom tul ta’ mewġa ta’ aktar minn 1 050 nm;

c. “Lasers” tar-rubini li għandhom output enerġetiku ta’ aktar minn 20 J għal kull impuls;

d. ‘Lasers bl-impulsi’ mhux ‘regolabbli’ li għandhom it-tul tal-mewġa tal-output li jaqbeż id-975 nm iżda mhux aktar minn 1 150 nm, u li jkollom xi karatteristika milli ġejjin:

1. ‘Durata tal-impuls’ ta’ 1 ns jew aktar iżda ta’ mhux aktar minn 1 μs, u li jkollom xi karatteristika milli ġejjin:

a. Output b’modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 12 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta’ repetizzjoni tal-impulsi ta’ aktar minn 1 kHz; jew

2. Potenza tal-output medja li taqbeż l-20 W; jew

b. Output b’multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 18 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn 30 W;

2. “Potenza massima” ta’ aktar minn 200 MW; jew

3. Potenza tal-output medja li taqbeż l-50 W; jew

2. ‘Durata tal-impuls’ ta’ aktar minn 1 μs, u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

   a. Output b’modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

      1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 12 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta’ repetizzjoni tal-impulsi ta’ aktar minn 1 kHz; jew

      2. Potenza tal-output medja li taqbeż l-20 W; jew

   b. Output b’multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

      1. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 18 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn 30 W; jew

      2. 'Potenza tal-output medja' li taqbeż il-500 W;

e. ‘Lasers’ b’mewġa kontinwa (continuous wave, CW) mhux ‘regolabbli’, li għandhom it-tul tal-mewġa tal-output ta’ aktar minn 975 nm li iżda ma taqbiżx l-1 150 nm, u li jkollhom xi karatteristika milli ġejjin:

1. Output b’modalità trasversali waħda u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

a. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 12 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn minn 10 W u li kapaċi taħdem bi frekwenza ta’ repetizzjoni tal-impulsi ta’ aktar minn 1 kHz; jew

b. “Potenza tal-output medja’ li taqbeż il-50 W; jew

2. Output b’multimodalitajiet trasversali u li jkollu xi karatteristika milli ġejjin:

a. “Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” ta’ aktar minn 18 % u “potenza tal-output medja” ta’ aktar minn 30 W; jew

b. ‘Potenza tal-output medja’ li taqbeż il-500 W;

Nota: X.A.IV.005.e.2.b ma jikkontrollax il-“lasers” industrijali b’multimodalitajiet trasversali b’potenza tal-output ta’ 2 kW jew inqas, u b’massa totali ta’ akbar minn 1 200 kg. Għall-iskop ta' din in-nota, il-piż totali jinkludi l-komponenti kollha meħtieġa sabiex iħaddmu l-“laser”, pereż., “laser”, provvista ta' enerġija, skambjatur tas-sħana, iżda jeskludi l-ottika esterna għall-kondizzjonament tar-raġġ u/jew sabiex dan jitwassal.

f. “Lasers” mhux “regolabbli” li għandhom it-tul tal-mewġa ta’ aktar minn 1 400 nm, li iżda ma taqbiżx l-1 555 nm, u li jkollhom xi karatteristika milli ġejjin:

1. Output enerġetiku ta’ aktar minn 100 mJ għal kull impuls u “potenza massima” tal-impulsi ta’ iktar minn 1 W; jew

2. Potenza medja tal-output jew CW li jaqbżu l-1 W;

g. “Lasers” tal-elettroni liberi.

Nota Teknika: Għall-fini ta’ X.A.IV.005“Effiċjenza fil-plakka tad-dawl” hija definita bħala l-proporzjon tal-potenza tal-output tal-“laser” (jew “potenza medja tal-output”) mal-potenza elettrika totali fl-input meħtieġa biex jiġi operat “laser”, inkluż il-provvista tal-potenza/il-kundizzjonar u l-kundizzjonar termiku/skambjatur tas-sħana.

X.A.IV.006 “Manjetometri”, sensuri elettromanjetiċi “Superkondutturi”, u l-komponenti “ddisinjati apposta” għalihom, kif ġej:

a. “Manjetometri”, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, li jkollhom “sensittività” anqas (aħjar) minn 1,0 nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz.

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.A.IV.006.a, “sensittività” (livell ta’ ħoss) hija l-għerq tal-medja tal-kwadrati tal-livell minimu ta’ ħoss limitat bl-apparat li huwa l-aktar sinjal baxx li jista’ jitkejjel.

b. Sensuri elettromanjetiċi “superkonduttivi”, “komponenti” mmanifatturati minn materjali “superkonduttivi”:

1. Iddisinjati biex joperaw f’temperaturi taħt it-“temperatura kritika” ta’ mill-inqas wieħed mill-kostitwenti “superkonduttivi” tagħhom (inkluż apparat bl-effett Josephson jew apparat “superkonduttiv” b’interferenza kwantistika (“superconductive” quantum interference devices, SQUIDS));

2. Iddisinjati biex jaqbdu l-varjazzjonijiet tal-kamp elettromanjetiku fi frekwenzi ta’ 1 kHz jew inqas; u

3. Għandhom kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

a. Jinkorporaw SQUIDS b'film irqiq b'daqs minimu tal-element ta' inqas minn 2 μm u biċ-ċirkwiti assoċjati ta' akkoppjament tal-input u tal-output;

b. Iddisinjati sabiex jaħdmu b'oxxillazzjoni tal-kamp manjetiku li taqbeż il-1 x 10^6 kwanti ta' fluss manjetiku kull sekonda;

c. Iddisinjati sabiex jaħdmu fil-kamp manjetiku fl-ambjent tad-dinja mingħajr protezzjoni manjetika; jew

d. Li għandhom koeffiċent tat-temperatura ta' inqas (iżgħar) minn 0,1 kwantum tal-fluss manjetiku/K.

X.A.IV.007 Gravimetri għall-użu fuq l-art, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

a. Li għandhom preċiżjoni statika ta' inqas (aħjar) minn 100 μGal; jew

b. Li jkunu tat-tip tal-element kwarzuż (Worden).

X.A.IV.008 Sistemi tar-radar, tagħmir u komponenti maġġuri, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, u komponenti tagħhom iddisinjati apposta, kif ġej:

a. Tagħmir tar-radar tal-ajru, għajr dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, u komponenti tiegħu ddisinjat apposta;

b. Radar bil-"laser" ikkwalifikat għall-użu spazjali jew tagħmir għad-Detezzjoni u l-Kejl tad-Distanza bid-Dawl (Light Detection and Ranging, LIDAR), iddisinjat apposta għall-istħarriġ jew għall-osservazzjoni meteoroloġika;

c. Sistemi għal viżjoni mtejba b'immaġni tar-radar b'mewġa millimetrika "ddisinjati apposta" għal inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors u li għandhom dan kollu li ġej:

1. Joperaw bi frekwenza ta' 94 GHz;

2. Potenza tal-output medja ta' inqas minn 20 mW;

3. Wisa tar-raġġ tar-radar ta' 1 grad; u

4. Medda operattiva daqs jew aktar minn 1 500 m.

X.A.IV.009 Tagħmir tal-ipproċessar speċifiku, kif ġej:

a. Tagħmir għad-detezzjoni sismika mhux ikkontrollat minn X.A.IV.009.c;

b. Kameras tat-TV reżistenti għar-radjazzjoni, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821; jew

c. Sistemi ta' detezzjoni tal-intrużjoni sismika li jidentifikaw, jikklassifikaw u jiddeterminaw l-effett fuq is-sors ta' sinjal individwat.

X.B.IV.001 Tagħmir, inklużi għodod, forom, ġiggs jew gauges, u "parts", "komponenti" u "aċċessorji" oħrajn "iddisinjati apposta" għalihom, u "iddisinjati apposta" jew immodifikati għal xi wieħed/waħda minn dawn li ġejjin:

a. Għall-manifattura jew l-ispezzjoni ta':

1. Kalamiti wiggler ta' "laser" tal-elettroni liberi;

2. Fotoinjetturi ta' "laser" tal-elettroni liberi;

b. Għall-aġġustament, għat-tolleranzi meħtieġa, tal-kamp manjetiku longitudinali ta' "lasers" tal-elettroni liberi.

X.C.IV.001 Fibri ta' sensuri ottiċi li huma modifikati strutturalment biex ikollhom "tul ta' resonanza" ta' inqas minn 500 mm (birifranġenza għolja) jew materjali ta' sensuri ottiċi mhux deskritti f'6C002.b[19] u li għandhom kontenut ta' żingu daqs jew aktar minn 6 % bil-"frazzjoni molari".

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.C.IV.001:

1) "Frazzjoni molari" hija definita bħala l-proporzjon tal-moli ta' ZnTe u t-total tal-moli ta' CdTe u ZnTe preżenti fil-kristall.

2) It-"tul ta' resonanza" huwa d-distanza li minnha jridu jgħaddu żewġ sinjali polarizzati ortogonalment, inizjalment f'fażi, sabiex tinkiseb differenza fil-fażi ta' 2 Pi radian(s).

X.C.IV.002 Materjali ottiċi, kif ġej:

a. Materjali ta' assorbiment ottiku baxx, kif ġej:

1. Komposti ta' fluworur mhux maħduma li fihom ingredjenti b'purità ta' 99,999 % jew aħjar; jew

Nota: X.C.IV.002.a.1 jikkontrolla l-fluworuri taż-żirkonju jew tal-aluminju u l-varjanti.

[19] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

2. Ħġieġ tal-fluworur mhux maħdum magħmul minn komposti kkontrollati minn 6C004.e.1[20];

b. "Preforom tal-fibra ottika" magħmulin minn komposti tal-fluworur mhux maħduma li fihom ingredjenti b'purità ta' 99,999 % jew aħjar, "iddisinjati apposta" għall-manifattura tal-"fibri tal-fluworur" ikkontrollati minn X.A.IV.004.b.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.C.IV.002:

1) Il-"fibri tal-fluworur" huma fibri manifatturati minn komposti tal-fluworur mhux maħduma.

2) Il-"preforom tal-fibra ottika" huma vireg, ingotti, jew vireg tal-ħġieġ, tal-plastik jew ta' materjali oħra li ġew ipproċessati b'mod speċjali għall-użu fil-fabbrikazzjoni ta' fibri ottiċi. Il-karatteristiċi tal-preforma jiddeterminaw il-parametri bażiċi tal-fibri ottiċi estratti li jirriżultaw.

"X.D.IV.001 "Software", għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, iddisinjat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni", jew l-"użu" ta' prodotti kkontrollati minn 6A002, 6A003[21], X.A.IV.001, X.A.IV.006, X.A.IV.007, jew X.A.IV.008.

X.D.IV.002 "Software" ddisinjat apposta għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.IV.002, X.A.IV.004, jew X.A.IV.005.

[20] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.
[21] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

X.D.IV.003 “Software” ieħor, kif ġej:

a. “Programmi” ta’ applikazzjoni li jagħmlu parti minn “software” tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru (Air Traffic Control, ATC) fuq kompjuters ta’ skop ġenerali li jinsabu fiċ-ċentri tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru, u li kapaċi awtomatikament jgħaddu d-*data* marbuta mal-mira tar-radar primarju (jekk ma tkunx korrelatata mad-*data* tar-radar ta’ sorveljanza sekondarju (secondary surveillance radar, SSR)) miċ-ċentru tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru ospitanti għal ċentru ieħor tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru;

b. “Software” ddisinjat apposta għas-sistemi ta’ detezzjoni ta’ intrużjoni sismika f’X.A.IV.009.c; jew

c. “Kodiċi tas-Sors” iddisinjat apposta għal sistemi ta’ detezzjoni ta’ intrużjoni sismika f’X.A.IV.009.c.

X.E.IV.001 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni”, jew l-“użu” ta’ tagħmir kkontrollat minn X.A.IV.001, X.A.IV.006, X.A.IV.007, X.A.IV.008 jew X.A.IV.009.c.

X.E.IV.002 “Teknoloġija” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ tagħmir, materjali jew “software” kkontrollati minn X.A.IV.002, X.A.IV.004, jew X.A.IV.005, X.B.IV.001, X.C.IV.001, X.C.IV.002, jew X.D.IV.003.

X.E.IV.003 “Teknoloġija” oħra kif ġej:

a. Teknoloġiji tal-fabbrikazzjoni ottika għal produzzjoni f’serje ta’ “komponenti” ottiċi b’rata ta’ aktar minn 10 m2 ta’ erja tas-superfiċje fis-sena fuq kwalunkwe fus wieħed u li għandhom dan kollu li ġej:

1. Erja li teċċedi 1 m^2; u

2. Il-forma tas-superfiċje ta’ aktar minn λ/10 (rms) fil-tul tal-mewġa stabbilita;

b. It-“Teknoloġija” għall-filtri ottiċi b’wisa’ tal-banda ta’ 10 nm jew inqas, b’kamp viżiv (field of view, FOV) ta’ aktar minn 40° u riżoluzzjoni ogħla minn 0,75 pari ta’ linji għal kull milliradjan;

c. “Teknoloġija” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ kameras ikkontrollati minn X.A.IV.003;

d. “Teknoloġija” “meħtieġa” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ “manjetometri” fluxgate mhux triassjali jew ta’ “manjetometri” mhux triassjali, li għandhom xi karatteristika milli ġejjin:

1. “Sensittività” ta’ inqas (aħjar) minn 0,05 nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz fi frekwenzi ta’ inqas minn 1 Hz; jew

2. “Sensittività” ta’ inqas (aħjar) minn 1 x 10^{-3} nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta’ Hz fi frekwenzi ta’ 1 Hz jew aktar.

e. “Teknoloġija” “meħtieġa” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta’ apparat għall-konverżjoni axxendenti tad-dawl infraaħmar li għandu dan kollu li ġej:

1. Rispons fil-medda tal-frekwenza ta’ aktar minn 700 nm, iżda ta’ mhux aktar minn 1 500 nm; u

2. Kombinazzjoni ta’ fotodetettur tal-infraaħmar, dijodu li jemetti d-dawl (light emitting diode, OLED), u nanokristall biex id-dawl infraaħmar jiġi kkonvertit f’dawl viżibbli.

Nota Teknika: Għall-finijiet ta’ X.E.IV.003, “sensittività” (jew il-livell tal-potenza akustika) hija l-għerq tal-medja kwadratika tal-istorbju fl-isfond limitat b’apparat, li huwa l-aktar sinjal baxx li jista’ jitkejjel.

Kategorija V – Navigazzjoni u Avjonika

X.A.V.001 Tagħmir ta' komunikazzjoni fl-ajru, is-sistemi kollha ta' navigazzjoni inerzjali tal-"inġenji tal-ajru", u tagħmir avjoniku ieħor, inklużi komponenti, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota 1: X.A.V.001. ma jikkontrollax il-kuffji jew il-mikrofoni.

Nota 2: X.A.V.001. ma jikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

X.B.V.001 Tagħmir ieħor iddisinjat apposta għall-ittestjar, l-ispezzjoni, jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir tan-navigazzjoni u tal-avjonika.

X.D.V.001 "Software", għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni", jew l-"użu" ta' tagħmir avjoniku għan-navigazzjoni, il-komunikazzjoni fl-ajru u tagħmir ieħor.

X.E.V.001 "Teknoloġija", għajr dik speċifikata fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni", jew l-"użu" ta' tagħmir avjoniku għan-navigazzjoni, il-komunikazzjoni fl-ajru u tagħmir ieħor.

Kategorija VI - Marittima

X.A.VI.001 Bastimenti, sistemi jew tagħmir marittimu, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, u komponenti u aċċessorji kif ġej:

a. Sistemi ta’ viżjoni ta’ taħt l-ilma, kif ġej:

1. Sistemi tat-televiżjoni (inklużi kameras, dwal, tagħmir ta’ monitoraġġ u ta’ trażmissjoni tas-sinjali) li għandhom riżoluzzjoni b’limitu meta mkejla fl-arja ta’ aktar minn 500 linja u “ddisinjati apposta” jew immodifikati għall- operazzjonijiet mill-bogħod b’vettura sommerġibbli; jew

2. Kameras tat-televixin ta’ taħt wiċċ l-ilma, li jkollhom riżoluzzjoni b’limitu meta mkejla fl-arja, ta’ aktar minn 700 linja;

Nota Teknika: Li tiġi limitata r-riżoluzzjoni fit-televixin hija miżura ta’ riżoluzzjoni orizzontali, normalment espressa f’termini ta’ numru massimu ta’ linji kull stampa, separata fuq test chard, billi jintuża l-Istandard IEEE 208/1960, jew kwalunkwe standard ieħor ekwivalenti.

b. Kameras tar-ritratti “iddisinjati apposta” jew immodifikati għall-użu taħt wiċċ l-ilma, li jieħdu film b’format ta’ 35 mm jew aktar, u li l-awtoffukar jew l-iffukar mill-bogħod tagħhom huma “iddisinjati apposta” għall-użu taħt wiċċ l-ilma;

c. Sistemi tad-dawl stroboskopiku, iddisinjati apposta jew immodifikati għall-użu taħt wiċċ l-ilma, li kapaċi jitfgħu enerġija tad-dawl ta’ aktar minn 300 J ma’ kull flash;

d. Tagħmir ieħor ta’ kamera għal taħt l-ilma, ħlief dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

e. Bojlers marini ddisinnjati biex ikollhom xi waħda minn dawn il-karatteristiċi li ġejjin:

1. Rata tar-rilaxx tas-sħana (b’rata massima) ugwali għal 1 966,4 kW/m^3 f’volum tal-forn jew aktar; jew

2. Il-proporzjon ta’ fwar iġġenerat f’kilogrammi fis-siegħa (fi klassifikazzjoni massima) mal-piż xott tal-bojler f’kilogrammi daqs jew aktar minn 37,6;

f. Vetturi (tal-wiċċ jew ta’ taħt il-baħar), inklużi dgħajjes li jintnefħu, u komponenti ddisinjati apposta għalihom. ħlief dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

Nota: X.A.VI.001.f ma jikkontrollax vetturi fuq soġġorn temporanju, użati għat-trasport privat jew it-trasport ta' passiġġieri jew prodotti minn jew minn ġewwa t-territorju doganali tal-Unjoni.

g. Magni tal-baħar (kemm abbord kif outboard) u magni ta' taħt il-baħar u komponenti ddisinjati apposta għalihom. ħlief dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

h. Tagħmir tan-nifs għal taħt il-baħar, komplut fih innifsu (tagħmir tal-iscuba) u aċċessorji għalih, ħlief dawk speċifikati fil-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821;

i. Ġgieget tas-salvataġġ, cartridges li jintnefħu, boxxli għall-għadis u kompjuters għall-għadis;

Nota: X.A.VI.001.i ma jikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

j. Dawl ta' taħt wiċċ l-ilma u tagħmir ta' propulsjoni; jew

Nota: X.A.VI.001.j ma jikkontrollax oġġetti għall-użu personali tal-persuni fiżiċi.

k. Kompressuri tal-arja u sistema ta' filtrazzjoni ddisinjati apposta għall-mili ta' ċilindri tal-arja.

X.D.VI.001 “Software” iddisinjat apposta jew immodifikat għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollat permezz ta’ X.A.VI.001.

X.D.VI.002 “Software” iddisinjat apposta għat-tħaddim ta’ vetturi sommerġibbli bla ekwipaġġ użati fl-industrija taż-żejt u tal-gass.

X.E.VI.001 It-“Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ tagħmir ikkontrollati permezz ta’ X.A.VI.001.

Kategorija VII — Ajruspazju u Propulsjoni

X.A.VII.001 Magni diżil, u tratturi u komponenti ddisinjati apposta għalihom, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821:

a. Magni diesel, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għal trakkijiet, tratturi, u applikazzjonijiet awtomotivi, li għandhom output ta’ potenza globali ta’ 298 kW jew aktar.

b. Tratturi bir-roti mhux maħsubin għall-awtostrada b’kapaċità tal-ġarr ta’ 9 t jew aktar; u komponenti u aċċessorji ewlenin għalihom, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

c. Tratturi tat-triq għal semitrailers, b'fus fuq wara wieħed jew b'żewġ fusien previsti għal 9 tunnellati għal kull fus jew aktar u komponenti ewlenin iddisinjati apposta.

Nota: X.A.VII.001.b u X.A.VII.001.c ma jikkontrollawx il-vetturi li jkunu qegħdin jinżammu temporanjament, li jintużaw għat-trasport privat jew għat-trasport ta' passiġġieri jew oġġetti mit-territorju doganali tal-Unjoni jew ġewwa fih.

X.A.VII.002 Magni b'turbini tal-gass u komponenti għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

a. Mhux użat.

b. Mhux użat.

c. Magni tal-ajru b'turbini tal-gass u komponenti ddisinjati apposta għalihom.

d. Mhux użat.

e. Komponenti ta' tagħmir taħt pressjoni għan-nifs tal-inġenji tal-ajru ddisinjati apposta għalihom, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.VII.003 Magni tal-inġenji tal-ajru, għajr dawk speċifikati f'X.A.VII.002, fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

a. Magni tal-kombustjoni interna bil-pistuni reċiprokanti jew rotatorji; jew

b. Magni elettriċi.

Nota Teknika: Għall-fini ta' X.A.VII.003 l-inġenji tal-ajru jinkludu: ajruplani, UAVs, ħelikopters, ġiroplani, inġenji tal-ajru ibridi jew mudelli kkontrollati bir-radju.

X.B.VII.001 Tagħmir għall-ittestjar tal-vibrazzjoni u komponenti ddisinjati apposta, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota: X.B.VII.001. jikkontrolla biss it-tagħmir għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni". Ma jikkontrollax is-sistemi ta' monitoraġġ għall-kundizzjoni.

X.B.VII.002 "Tagħmir" iddisinjat apposta, għodod jew ġiggs għall-manifattura jew il-kejl tal-pali tat-turbini tal-gass, il-paletti jew il-karenaturi tat-tarf ikkastjati, kif ġej:

a. Tagħmir awtomatizzat li juża metodi mhux mekkaniċi għall-kejl tal-għoli tal-profil tal-ajrufojl;

b. Għodod, ġiggs jew tagħmir tal-kejl għal proċessi ta' titqib bil-"laser", b'ġett tal-ilma jew b'ECM/EDM ikkontrollati permezz ta' 9E003.c[22];

c. Tagħmir għal-lixxivjazzjoni tal-parts ċentrali taċ-ċeramika;

d. Tagħmir jew għodod għall-manifattura tal-parts ċentrali taċ-ċeramika;

e. Tagħmir għall-preparazzjoni tad-disinn tax-xama' għall-qoxra taċ-ċeramika;

f. Tagħmir tan-nar għall-ħruq tal-qoxra taċ-ċeramika.

X.D.VII.001 "Software", għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.VII.001 jew X.B.VII.001.

X.D.VII.002 "Software", għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir ikkontrollat permezz ta' X.A.VII.002 jew X.B.VII.002.

X.E.VII.001 "Teknoloġija", għajr dik speċifikata fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollat minn X.A.VII.001 jew X.B.VII.001.

[22] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

X.E.VII.002 "Teknoloġija", għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir ikkontrollati permezz ta' X.A.VII.002 jew X.B.VII.002.

X.E.VII.003 "Teknoloġija" oħra, mhux deskritta f'9E003[23], kif ġej:

a. Sistemi għall-kontroll tad-distanza tal-ponot tal-pali li jużaw "Teknoloġija" attiva ta' kumpens fil-kejsing li tkun limitata għal bażi tad-*data* tad-disinn u l-iżvilupp; jew

b. Berings bil-gass għall-assemblaġġi tar-rotors tal-magni bit-turbini.

Kategorija VIII — Oġġetti mixxellanji

X.A.VIII.001 Tagħmir għall-produzzjoni taż-żejt jew għall-esplorazzjoni taż-żejt kif ġej:

a. Tagħmir tal-kejl integrat tar-ras tat-tħaffir, inklużi sistemi ta' navigazzjoni inerzjali għall-kejl waqt it-tħaffir (measurement while drilling, MWD);

b. Sistemi ta' monitoraġġ tal-gass u ditekters għalihom, iddisinjati għall-operazzjoni kontinwa u d-detezzjoni tas-sulfit tal-idroġenu;

c. Tagħmir għall-kejl sismoloġiku, inklużi s-sismetika tar-riflessjoni u l-vibraturi sismiċi;

d. Ekosondi tas-sedimenti.

[23] Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.VIII.002 Tagħmir, “assemblaġġi elettroniċi” u komponenti, iddisinjati apposta għal kompjuters kwantistiċi, elettronika kwantistika, sensuri kwantistiċi, unitajiet ta’ pproċessar kwantistiku, ċirkwiti qubit, apparati qubit jew sistemi ta’ radar kwantistiku, inklużi ċelloli pockels.

Nota 1: Il-kompjuters kwantistiċi jwettqu komputazzjonijiet li jużaw il-proprjetajiet kollettivi tal-istati kwantistiċi, bħas-superpożizzjoni, l-interferenza u t-tħabbil.

Nota 2: L-unitajiet, iċ-ċirkwiti u l-apparati jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, ċirkwiti superkonduttivi, ittemprar kwantum, Ion Trap, interazzjoni fotonika, silikon/spin, atomi kesħin.

X.A.VIII.003 Mikroskopji u tagħmir u detectors relatati, kif ġejjin:

a. Mikroskopju elettroniku tal-iskennjar (scanning electron microscope, SEM);

b. Mikroskopji tal-auger li jiskennjaw;

c. Mikroskopji tal-elettroni tat-trażmissjoni (transmission electron microscopes, TEM);

d. Mikroskopji tal-forza atomika (atomic force microscopes, AFM);

e. Mikroskopji tal-forza tal-iskennjar (scanning force microscope, SFM);

f. Tagħmir u detectors, imfassla b'mod speċjali biex jintużaw mal-mikroskopji speċifikati f'X.A.VIII.003.a sa X.A.VIII.0003.e, li jużaw kwalunkwe teknika tal-analiżi tal-materjali minn dawn li ġejjin:

1. Spettroskopija ta' ritratt b'raġġi X (X-ray photo spectroscop, XPS);

2. Spettroskopija b'raġġi X li xxerred l-enerġija (EDX, EDS); jew

3. Spettroskopija bl-Elettroni għall-Analiżi Kimika (electron spectroscopy for chemical analysis, ESCA).

X.A.VIII.004 Tagħmir tal-kollettur għall-minerali tal-metall f'qiegħ il-baħar fond.

X.A.VIII.005 Tagħmir tal-manifattura u makkinarji għodda kif ġej:

a. Tagħmir tal-manifattura addittiva għall-"produzzjoni" ta' parts tal-metall;

Nota: X.A.VIII.005.a japplika biss għas-sistemi li ġejjin:

1. Sistemi b'sodda baxxa li jużaw tidwib selettiv bil-laser (selective laser melting, SLM), kuxxinjar bil-laser, sinterizzazzjoni diretta bil-laser tal-metall (direct metal laser sintering, DMLS) jew tidwib ta' raġġ ta' elettroni (electron beam melting, EBM); jew

2. Sistemi li jużaw kisi bil-laser, depożizzjoni diretta ta' enerġija jew depożizzjoni ta' metall bil-laser.

b. Tagħmir tal-manifattura addittiv għal “materjali enerġetiċi”, inkluż tagħmir li juża estrużjoni ultrasonika;

c. Tagħmir tal-manifattura addittiv tal-fotopolimerizzazzjoni tal-VAT (VVP) li juża l-litografija sterjo (stereo lithography, SLA) jew l-ipproċessar diġitali tad-dawl (digital light processing, DLP).

X.A.VIII.006 Tagħmir għall-“produzzjoni” ta’ elettronika stampata għal dijodi organiċi li jemettu d-dawl (organic light emitting diodes, OLED), tranżisters organiċi b’effett fil-post (organic field-effect transistors, OFET) jew ċelloli fotovoltajċi organiċi (organic photovoltaic cells, OPVC).

X.A.VIII.007 Tagħmir għall-“produzzjoni” ta’ sistemi mikroelettromekkaniċi (microelectromechanical systems, MEMS) li jużaw il-proprjetajiet mekkaniċi tas-siliċju, kif ukoll sensuri f’format ta’ ċippa bħal membrani ta’ pressjoni, raġġi ta’ liwi jew apparat ta’ aġġustament mikro.

X.A.VIII.008 Tagħmir, iddisinjat apposta għall-produzzjoni ta’ e-karbutanti (elettrokarburanti u karburanti sintetiċi) jew ċelloli solari ultra effiċjenti (effiċjenza > 30 %).

X.A.VIII.009 Tagħmir għal Vakwu Ultra-Għoli (Ultra-High-Vacuum, UHV) kif ġej:

a. Pompi UHV (sublimazzjoni, turbomolekulari, diffużjoni, krijoġeniċi, graff taljoni);

b. Gauges tal-pressjoni UHV.

Nota: UHV tfisser 100 nanoPascals (nPA) jew inqas.

X.A.VIII.010 "Sistemi ta' refriġerazzjoni krijoġeniċi" ddisinjati biex iżommu temperaturi taħt il-1,1 K għal 48 siegħa jew aktar u tagħmir ta' refriġerazzjoni krijoġeniku relatat kif ġej:

a. Tubi tal-impuls;

b. Cryostats;

c. Dewars;

d. Sistema ta' Maniġġar tal-Gass (Gas Handling System, GHS);

e. Kompressuri; jew

f. Unitajiet ta' Kontroll.

Nota: "Sistemi ta' refriġerazzjoni krijoġeniċi" jinkludu iżda mhumiex limitati għal Refriġerazzjoni tad-Dilwizzjoni, Refrigeraturi ta' Demagnizzazzjoni adiabatika u Sistemi ta' Tkessiħ bil-Laser.

X.A.VIII.011 Tagħmir ta' "dekapsulazzjoni" għal apparat semikonduttur.

Nota: "Dekapsulazzjoni" hija t-tneħħija ta' kappa, għatu, jew materjal ta' inkapsulazzjoni minn ċirkwit integrat ippakkjat b'mezzi mekkaniċi, termali jew kimiċi.

X.A.VIII.012 Fotodetetturi b'Effiċjenza Kwantistika Għolja (Quantum Efficiency, QE) b'QE ikbar minn 80 % fil-medda tat-tul ta' mewġ ta' aktar minn 400 nm iżda mhux aktar minn 1 600 nm.

X.AVIII.013 Makkinarji għodda kkontrollati numerikament, li għandhom assi lineari wieħed jew aktar b'tul ta' tmexxija akbar minn 8 000 mm.

X.A.VIII.014 Sistemi ta' kanuni tal-ilma għall-kontroll tal-irvellijiet jew tal-folol, u komponenti ddisinjati apposta għalihom.

Nota: X.A.VIII.014 Nota: Is-sistemi tal-kanun tal-ilma, pereżempju: vetturi jew stazzjonijiet fissi mgħammra b'kanuni tal-ilma li jaħdmu mill-bogħod li huma ddisinjati biex jipproteġu lill-operatur minn irvellijiet ta' barra b'karatteristiċi bħal armor, twieqi reżistenti għall-ksur, skrins tal-metall, bull-bars, jew tajers run-flat. Komponenti ddisinjati apposta għal kanuni tal-ilma jistgħu jinkludu, pereżempju: żennuni tal-ilma tal-gverta, pompi, ġibjuni, kameras, u dwal li huma mwebbsa jew protetti kontra projettili, arbli elevanti għal dawk l-oġġetti, u sistemi ta' teleoperazzjoni għal dawk l-oġġetti.

X.A.VIII.015 Armi li jattakkaw għall-infurzar tal-liġi, inklużi saps, lembubi tal-pulizija, lembubi tal-ġenb, tonfas, sjamboks, u frosti.

X.A.VIII.016 Elmi u tarki tal-pulizija; u komponenti ddisinjati apposta għalihom, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

X.A.VIII.017 Apparat ta' trażżin għall-infurzar tal-liġi, inklużi l-manetti tas-saqajn, qajd u l-manetti; ġkieket tat-trażżin; tagħmir li jintlibes u li jagħti xokkijiet tal-elettriku; ċinturini tax-xokkijiet; kmiem tax-xokkijiet; apparati ta' trażżin b'diversi punti bħal siġġijiet ta' trażżin; u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.

Nota: X.A.VIII.017 japplika għal apparat ta' trażżin użat f'attivitajiet ta' infurzar tal-liġi Dan ma japplikax għal apparati mediċi li huma mgħammra biex irażżnu l-moviment tal-pazjenti matul il-proċeduri mediċi. Dan ma japplikax għal apparati li jillimitaw lill-pazjenti b'indeboliment tal-memorja għal faċilitajiet mediċi xierqa. Ma japplikax għal tagħmir tas-sikurezza bħal ċinturini tas-sikurezza jew sits tas-sikurezza tal-karozzi għat-tfal.

X.A.VIII.018 Tagħmir, “software” u *data* għall-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass, kif ġej (ara l-Lista ta’ Oġġetti Kontrollati):

a. Mhux użat.

b. Oġġetti ta’ fratturazzjoni idrawlika, kif ġej:

1. “Software” u *data* għad-disinn u l-analiżi tal-fratturazzjoni idrawlika;

2. “Proppant” għall-fratturazzjoni idrawlika, “fluwidu tal-fratturazzjoni”, u addittivi kimiċi għal dak il-għan; jew

3. Pompi ta’ pressjoni għolja.

Nota Teknika:

“Proppant” huwa materjal solidu, tipikament ramel ittrattat jew materjal taċ-ċeramika magħmul mill-bniedem, iddisinjat biex iżomm ksur idrawliku indott miftuħ, matul jew wara trattament ta’ fratturazzjoni. Jiżdied ma’ “fluwidu tal-fratturazzjoni” li jista’ jvarja fil-kompożizzjoni skont it-tip ta’ fratturazzjoni użata, u jista’ jkun ġell, fowm jew ibbażat fuq is-slickwater.

X.A.VIII.019 Tagħmir speċifiku għall-ipproċessar, kif ġej (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):

a. Kalamiti forma ta' ċirku;

b. Mhux użat.

X.A.VIII.020 Armi u apparat maħsuba għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet jew awtodifiża, kif ġej:

a. Armi ta' skariku elettriku li jistgħu jinġarru li jistgħu jimmiraw biss lejn individwu wieħed kull darba li jkun amministrat xokk elettriku, inkluż iżda mhux limitat għal-lembubi tax-xokkijiet elettriċi, tarki tax-xokkijiet elettriċi, pistoli tax-xokkijiet u pistoli tad-darts tax-xokkijiet;

b. Kits li fihom il-komponenti essenzjali kollha għall-armar ta' armi tal-iskariku elettriku li jinġarru, ikkontrollati mill-prodott X.A.VIII.020.a; jew

Nota: L-oġġetti li ġejjin huma meqjusa li jkunu komponenti essenzjali:

1. *L-unità li tipproduċi x-xokk tal-elettriku;*

2. *L-iswiċċ, kemm jekk fuq kontroll mill-bogħod kemm jekk le; u*

3. *L-elettrodi jew, fejn applikabbli, il-wajers li permezz tagħhom għandhom jiġu amministrati x-xokkijiet elettriċi.*

c. Armi tal-iskariku elettriku fissi jew li jiġu mmuntati li jkopru żona wiesgħa u jistgħu jimmiraw lejn individwi multipli b'xokkijiet elettriċi.

X.A.VIII.021 Armi u apparat għat-tferrix ta' sustanzi kimiċi inkapaċitanti u irritanti għall-finijiet tal-kontroll tal-irvellijiet jew awtodifiża u sustanzi relatati, kif ġej:

a. Armi u tagħmir li jistgħu jinġarru li jew jamministraw doża ta' sustanza kimika inkapaċitanti jew irritanti li jimmiraw lejn individwu wieħed jew iferrxu doża ta' tali sustanza fil-forma ta' daħna ta' sprej ċpar jew sħaba li taffettwa żona żgħira, meta s-sustanza kimika hija amministrata jew imferrxa;

Nota 1: Dan il-prodott ma jikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-prodott ML7(e) tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.

Nota 2: Dan il-punt ma jikkontrollax tagħmir individwali li jista' jinġarr, anki jekk ikun fih sustanza kimika, meta jakkumpanja lill-utent tiegħu għall-protezzjoni personali tal-utent stess.

Nota 3: Minbarra s-sustanzi kimiċi rilevanti, bħal aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet jew PAVA, il-prodotti kkontrollati mill-prodotti X.A.VIII.021.c u X.A.VIII.021.d għandhom jitqiesu li huma sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti.

b. Vanillilamide tal-aċidu pelargoniku (PAVA) (CAS 2444-46-4);

c. Oleoreżina tal-kapsiku (OC) (CAS 8023-77-6);

d. Taħlitiet li fihom mill-inqas 0,3 % bil-piż ta' PAVA jew OC u solvent (bħall-etanol, 1-propanol jew eżan), li jistgħu jiġu amministrati bħala aġenti inkapaċitanti jew irritanti, b'mod partikolari f'aerosols u f'forma likwida, jew użati għall-manifattura ta' aġenti inkapaċitanti jew irritanti;

Nota 1: Din il-partita ma tikkontrollax zlazi u preparati għalihom, sopop jew preparati għalihom u kondimenti mħallta jew taħwir, sakemm il-PAVA jew l-OC ma jkunux l-uniku togħma kostitwenti fihom.

Nota 2: Din il-partita ma tikkontrollax prodotti mediċinali li għalihom ingħatat awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq skont il-liġi tal-Unjoni.

e. Tagħmir fiss għat-tixrid ta' sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti, li jista' jitwaħħal mal-ħajt jew ma' saqaf ġo bini, jinkludi ċilindru tal-landa ta' aġenti kimiċi irritanti jew inkapaċitanti u jiġi attivat permezz ta' sistema ta' kontroll mill-bogħod; jew

